



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 16 ta' Diċembru 2020
(OR. en)**

**2017/0332 (COD)
LEX 2034**

PE-CONS 53/20

**ENV 733
SAN 417
CONSOM 195
CODEC 1190**

DIRETTIVA

TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**DWAR IL-KWALITÀ TAL-ILMA MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM
(RIFORMULAZZJONI)**

DIRETTIVA (UE) 2020/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Diċembru 2020

dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem
(riformulazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

¹ ĠU C 367, 10.10.2018, p. 107.

² ĠU C 361, 5.10.2018, p. 46.

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Marzu 2019 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tat-23 ta' Ottubru 2020 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE¹ ġiet emendata b'mod sostanzjali għal diversi drabi². Billi għandhom isiru aktar emendi, jenħtieġ li dik id-Direttiva tiġi riformulata fl-interess ta' ċarezza.
- (2) Id-Direttiva 98/83/KE stabbiliet il-qafas legali biex is-saħħa tal-bniedem titħares mill-effetti ħżiena ta' kwalunkwe tniġġis tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem billi jkun żgurat li dan ikun nadif u tajjeb. Jenħtieġ li din id-Direttiva tfittex li tilħaq l-istess objettiv u jenħtieġ li ttejjeb l-aċċess għal ilma bħal dan għal kulħadd fl-Unjoni. Għalhekk, hu meħtieġ li jiġu stabbiliti, fil-livell tal-Unjoni, rekwiżiti minimi li magħhom jenħtieġ li jikkonforma l-ilma maħsub għal dak l-għan. L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ma jkun fih ebda mikroorganiżmi u parassiti u ebda sustanzi li, f'numri jew konċentrazzjonijiet, f'ċerti każijiet, jikkostitwixxu periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, u li jissodisfa dawk ir-rekwiżiti minimi.

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32).

² Ara l-Anness VI, Parti A.

- (3) Jenħtieġ li l-ilmijiet naturali minerali u ilmijiet li huma prodotti mediċinali jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, peress li dawn it-tipi ta' ilma huma koperti mid-Direttivi 2009/54/KE¹ u 2001/83/KE² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rispettivament. Madankollu, id-Direttiva 2009/54/KE tittratta kemm ilmijiet minerali naturali kif ukoll ilma tan-nixxieġha, u jenħtieġ li l-kategorija tal-aħħar biss tkun eżentata mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 2009/54/KE, jenħtieġ li l-ilma tan-nixxieġha jkun konformi ma' din id-Direttiva u, fir-rigward tar-rekwiżiti mikrobijoloġiċi, l-ilma tan-nixxieġha jenħtieġ li jkun konformi mad-Direttiva 2009/54/KE. Fil-każ ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li jitqiegħed fi fliexken jew kontenituri maħsuba għall-bejgħ, jew li jintużaw fil-manifattura, il-preparazzjoni jew it-trattament ta' ikel, jenħtieġ li, bħala kwistjoni ta' prinċipju, dan l-ilma jkompli jikkonforma ma' din id-Direttiva sal-punt tal-konformità, jiġifieri l-vit, u jenħtieġ li wara dak il-punt jitqies bħala ikel jekk ikun maħsub li jkun, jew raġonevolment mistenni li jiġi, inġestit mill-bniedem, skont ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.

¹ Id-Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-isfruttament u t-tqegħid fis-suq ta' ilmijiet minerali naturali (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 164, 26.6.2009, p. 45).

² Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqşam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

³ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

Barra minn hekk, l-operaturi ta' negozji tal-ikel li jkollhom is-sors tal-ilma tagħhom stess u li jużawh għall-iskopijiet speċifiċi tan-negozju tagħhom jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġu eżentati minn din id-Direttiva dment li jikkonformaw mal-obbligi rilevanti b'mod partikolari fir-rigward tal-analiżi tal-perikli u l-prinċipji ta' punti ta' kontroll kritiċi u l-azzjonijiet korrettivi skont il-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-ikel. Operaturi ta' negozji tal-ikel li jkollhom is-sors tal-ilma tagħhom stess u jaġixxu bħala fornituri tal-ilma jenħtieġ li jikkonformaw ma' din id-Direttiva bl-istess mod bħal kwalunkwe fornitur tal-ilma ieħor.

- (4) Wara l-konklużjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej dwar id-dritt għall-ilma ('l-inizjattiva Right2Water'), il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika mifruxa fl-Unjoni kollha u wettqet Evalwazzjoni tal-Idoneità u l-Prestazzjoni (REFIT) tar-Regolamentazzjoni tad-Direttiva 98/83/KE. Minn dak l-eżerċizzju, deher evidenti li ċerti dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva kellhom jiġu aġġornati. Ġew identifikati erba' oqsma fejn kien hemm lok għal titjib, jiġifieri l-lista tal-valuri parametriċi bbażati fuq il-kwalità, id-dipendenza limitata fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju, id-dispożizzjonijiet mhux preċiżi dwar l-informazzjoni għall-konsumatur, u d-differenzi bejn is-sistemi ta' approvazzjoni għall-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u l-implikazzjonijiet li tali differenzi għandhom fuq is-saħħa tal-bniedem. Barra minn hekk, l-inizjattiva Right2Water identifikat bħala problema distinta l-fatt li parti mill-popolazzjoni, b'mod partikolari l-gruppi emarġinati, ma għandhiex aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, u li jkun ipprovdut dan l-aċċess huwa impenn taħt l-Għan 6 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti.

Kwistjoni aħħarija li ġiet identifikata tikkonċerna n-nuqqas ġenerali ta' għarfien dwar tnixxijiet tal-ilma, li huma kkawżati minn nuqqas ta' investiment fil-manutenzjoni u t-tiġdid tal-infrastruttura tal-ilma, kif issemma wkoll fir-Rapport Speċjali Nru 12/2017 tal-5 ta' Lulju 2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri 'Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb: titjib fil-kwalità tal-ilma u fl-aċċess għalih fil-Bulgarija, fl-Ungerija u fir-Rumanija, iżda l-ħtiġijiet ta' investiment għadhom sostanzjali'.

- (5) Fl-2017, l-Uffiċċju Reġjonali għall-Ewropa tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) wettaq reviżjoni dettaljata tal-lista ta' parametri u tal-valuri parametriċi stabbiliti fid-Direttiva 98/83/KE sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx bżonn li dik il-lista tiġi adattata fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku. Fid-dawl tar-risultati ta' dik ir-reviżjoni jenħtieġ li jiġu kkontrollati patoġeni enteriċi u l-*Legionella* u jenħtieġ li jiżdiedu sitt parametri kimiċi jew gruppi ta' parametri. Għal erbgħa mis-sitt parametri jew gruppi ta' parametri l-ġodda jenħtieġ li jiġu stabbiliti valuri parametriċi li huma aktar stretti minn dawk proposti mid-WHO, iżda li xorta waħda jkunu vijabbli, u dan fid-dawl ta' opinjonijiet xjentifiċi oħra reċenti u l-prinċipju ta' prekawzjoni. Għal wieħed mill-parametri l-ġodda, jenħtieġ li jiġi mnaqqas l-għadd ta' sustanzi rappreżentattivi u l-valur adattat. Għall-kromu, il-valur għadu qed jiġi rivedut mid-WHO u għalhekk, qabel ma jiġi stabbilit valur aktar strett jenħtieġ li japplika perijodu tranżitorju ta' ħmistax-il sena. Barra minn hekk, id-WHO rrakkomandat li tliet komposti rappreżentattivi li jfixklu s-sistema endokrinali jistgħu jiġu kkunsidrati bħala valuri referenzjarji għall-valutazzjoni tal-okkorrenza ta' komposti li jfixklu s-sistema endokrinali u l-effikaċja tat-trattament tagħhom fejn meħtieġ, b'valuri ta' 0,1 µg/l għall-Bisfenol A, 0,3 µg/l għan-Nonilfenol u 1 ng/l għall-Beta-estradijoli.

Madankollu, abbażi ta' opinjoni tal-2015 tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), ġie deċiż li jenħtieġ li waħda minn dawk it-tliet komposti, il-Bisfenol A tizzied ma' din id-Direttiva b'valur parametrik u bbażat fuq is-saħħa ta' 2,5 µg/l. Barra minn hekk, jenħtieġ li n-Nonilfenol u l-Beta-estradjol jiżdiedu mal-lista ta' sorveljanza li għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni skont din id-Direttiva.

- (6) Rigward iċ-ċomb, id-WHO rrakkomandat li jinżamm il-valur parametrik attwali, iżda nnutat li l-konċentrazzjonijiet jenħtieġ li jkunu baxxi sal-aktar livell raġonevolment prattikabbli. Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli li l-valur attwali ta' 10 µg/l jista' jinżamm għal 15-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Sa mhux aktar tard minn tmien il-perijodu tranżitorju, jenħtieġ li l-valur parametrik taċ-ċomb ikun ta' 5 µg/l. Barra minn hekk, peress li l-pajpijiet taċ-ċomb eżistenti fid-djar u l-bini huma kwistjoni persistenti u peress li l-Istati Membri mhux dejjem ikollhom l-awtorità meħtieġa biex jimponu s-sostituzzjoni ta' dawk il-pajpijiet, jenħtieġ li l-valur ta' 5 µg/l jibqa' ta' aspirazzjoni fir-rigward tal-obbligi relatati ma' sistemi ta' distribuzzjoni domestika. Madankollu, għall-materjali ġodda kollha li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, irrispettivament minn jekk għandhomx jintużaw f'sistemi ta' provvista jew f'sistemi ta' distribuzzjoni domestika, li għandhom jiġu awtorizzati skont din id-Direttiva, il-valur ta' 5 µg/l jenħtieġ li japplika mill-vit.

- (7) Sabiex jiġi indirizzat it-tħassib pubbliku dejjem akbar dwar l-effetti ta' komposti emerġenti, bħal komposti li jfixklu s-sistema endokrinali, farmaċewtiċi u mikroplastiċi, fuq is-saħħa tal-bniedem permezz tal-użu tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, u biex jiġu indirizzati komposti emerġenti ġodda fil-katina tal-provvista, jenħteġ li jiġi introdott mekkaniżmu ta' lista ta' sorveljanza f'din id-Direttiva. Il-mekkaniżmu tal-lista ta' sorveljanza ser jippermetti reazzjoni għat-tħassib dejjem akbar b'mod dinamiku u flessibbli. Ser jippermetti wkoll li jingħata segwitu għal għarfien ġdid dwar ir-rilevanza għas-saħħa tal-bniedem ta' dawk il-komposti emerġenti u għal għarfien ġdid dwar l-approċċi u l-metodoloġiji ta' monitoraġġ l-aktar xierqa. Dan il-mekkaniżmu ta' lista ta' sorveljanza għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem huwa parti mir-reazzjoni għal diversi politiki rilevanti tal-Unjoni, kif stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2019 "Approċċ Strateġiku tal-Unjoni Ewropea għall-Farmaċewtiċi fl-Ambjent", il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Novembru 2018 "Lejn qafas tal-Unjoni Ewropea dwar l-interferenti endokrinali" u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2019 "Lejn Strateġija tal-Unjoni rigward il-Politika dwar is-Sustanzi Kimiċi".
- (8) Id-WHO irrakkomandat ukoll li jkun hemm valuri inqas stretti għal tliet valuri parametriċi, u li ħames parametri jitneħħew mil-lista ta' parametri u valuri parametriċi stabbiliti fid-Direttiva 98/83/KE. Madankollu, mhux dawk il-bidliet kollha jitqiesu bħala meħtieġa, billi l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju li ġie introdott bid-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/1787¹ jippermetti lill-fornituri tal-ilma jneħħu parametru mil-lista ta' parametri li għandhom jiġu mmonitorjati, taħt ċerti kondizzjonijiet. Diġà hemm fis-seħħ tekniki tat-trattament biex jintlaħqu dawk il-valuri parametriċi.

¹ Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/1787 tas-6 ta' Ottubru 2015 li temenda l-Annessi II u III tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 260, 7.10.2015, p. 6).

- (9) Il-valuri parametriċi stabbiliti f'din id-Direttiva huma bbażati fuq it-tagħrif xjentifiku disponibbli u l-prinċipju ta' prekawzjoni u jintgħażlu biex ikun żgurat li l-ilma maħsub għal konsum mill-bniedem jista' jinxtorob bla periklu matul il-ħajja kollha, u allura jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa.
- (10) Jenħtieġ li jintlaħaq bilanċ biex jiġu evitati kemm riskji mikrobijoloġiċi kif ukoll dawk kimiċi u, minħabba f'hekk u fid-dawl tal-fatt li fil-ġejjieni dawn il-valuri parametriċi ser jerġgħu jiġu riveduti, jenħtieġ li l-istabbiliment tal-valuri parametriċi applikabbli għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jiġi msejjes fuq il-konsiderazzjonijiet tas-saħħa pubblika u fuq metodu ta' valutazzjoni tar-riskju.
- (11) Il-parametri indikaturi ma għandhom ebda impatt dirett fuq is-saħħa pubblika. Madankollu, dawn huma importanti bħala mezz biex jiġi ddeterminat il-funzjonament tal-faċilitajiet ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u biex tiġi evalwata l-kwalità tal-ilma. Dawn il-parametri jistgħu jgħinu biex jiġu identifikati nuqqasijiet fit-trattament tal-ilma u għandhom rwol importanti wkoll fit-tisħiħ u ż-żamma tal-fiduċja tal-konsumatur fil-kwalità tal-ilma. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li tali parametri jiġu mmonitorjati.
- (12) Biex iħarsu s-saħħa tal-bniedem fit-territorji tagħhom, meta jkun hemm bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jistabbilixxu valuri għal parametri addizzjonali mhux inklużi fl-Anness I, abbażi tal-prinċipju ta' prekawzjoni.

- (13) Ilma sikur maħsub għall-konsum mill-bniedem ifisser mhux biss in-nuqqas ta' mikroorganiżmi u sustanzi li jagħmlu l-ħsara, iżda wkoll il-preżenza ta' ċerti ammonti ta' minerali naturali u elementi essenzjali, peress li l-konsum fit-tul ta' ilma mhux mineralizzat jew ilma baxx ħafna fl-elementi essenzjali bħall-kalċju u l-manjeżju jista' jikkomprometti s-saħħa tal-bniedem. Ċertu ammont ta' tali minerali huwa wkoll vitali sabiex jiġi żgurat li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem la jkun aggressiv u lanqas korrużiv u sabiex tittejjeb it-togħma ta' ilma ta' dan it-tip. Konċentrazzjonijiet minimi ta' tali minerali f'ilma mrattab jew demineralizzat jistgħu jitqiesu skont il-kundizzjonijiet lokali.
- (14) L-ippjanar tas-sikurezza u elementi bbażati fuq ir-riskju għall-prevenzjoni ġew ikkunsidrati biss sa ċertu punt fid-Direttiva 98/83/KE. L-ewwel elementi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju kienu introdotti fl-2015 fid-Direttiva (UE) 2015/1787, biex l-Istati Membri jitħallew jidderogaw mill-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti tagħhom, dment li jitwettqu valutazzjonijiet tar-riskju kredibbli li jistgħu jkunu bbażati fuq il-Linji Gwida tad-WHO għall-Kwalità tal-Ilma tax-Xorb (linji gwida tad-WHO). Il-Linji Gwida tad-WHO, li jistabbilixxu l-hekk imsejjaħ approċċ tal-"Pjan tas-Sigurtà tal-Ilma", inkluż għal komunitajiet żgħar, flimkien mal-istandard EN 15975-2 dwar is-sigurtà tal-provvista tal-ilma tax-xorb, huma prinċipji rikonoxxuti f'livell internazzjoni li fuqhom huma bbażati l-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, u l-monitoraġġ u l-analiżi ta' parametri f'ilma ta' dan it-tip. Dawk l-ewwel elementi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju jenħtieġ li jinżammu f'din id-Direttiva.

- (15) Biex jiġi żgurat li l-elementi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju introdott fid-Direttiva (UE) 2015/1787 ma jkunux limitati għal aspetti ta' monitoraġġ, biex il-ħin u r-riżorsi jiġu ffukati fuq ir-riskji rilevanti u fuq miżuri kosteffettivi applikati fis-sors, u biex jiġi evitat li jsiru analiżijiet u sforzi b'rabta ma' kwistjonijiet li mhumie x rilevanti, huwa xieraq li jiġi stabbilit approċċ komplut għas-sigurtà tal-ilma ibbażat fuq ir-riskju, li jkopri l-katina kollha tal-provvista, miż-żona ta' wesgħa, l-astrazzjoni, it-trattament, il-ħżin u d-distribuzzjoni sal-punt ta' konformità. Dak l-approċċ jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-għarfien miksub u l-azzjonijiet imwettqa skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u jenħtieġ li jikkunsidra b'mod aktar effettiv l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq ir-riżorsi tal-ilma. Dak l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju jenħtieġ li jikkonsisti minn tliet komponenti. L-ewwel, identifikazzjoni tal-perikli assoċjati maż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni ('valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju taż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem'), f'konformità mal-Linji Gwida u mal-Manwal tal-Pjan tas-Sigurtà tal-Ilma tad-WHO. It-tieni, possibbiltà li l-fornitur tal-ilma jadatta l-monitoraġġ għar-riskji ewlenin u jieħu l-miżuri meħtieġa għall-ġestjoni tar-riskji identifikati fil-katina tal-provvista mill-astrazzjoni, it-trattament, il-ħżin u d-distribuzzjoni tal-ilma ('valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju għas-sistema tal-provvista'). It-tielet, valutazzjoni tar-riskji potenzjali li jirriżultaw mis-sistemi ta' distribuzzjoni domestika, bħall-*Legionella* jew iċ-ċomb ('valutazzjoni tar-riskju tas-sistema ta' distribuzzjoni domestika'), b'attenzjoni speċjali għall-postijiet ta' prijorità. Dawk il-valutazzjonijiet jenħtieġ li jiġu riveduti b'mod regolari fost oħrajn, b'rispons għal theddidiet minn avvenimenti estremi tat-temp relatati mal-klima, għal bidliet magħrufa tal-attività tal-bniedem fiż-żona ta' astrazzjoni jew b'rispons għal inċidenti relatati mas-sorsi. Jenħtieġ li l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju jiżgura skambju kontinwu ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-fornituri tal-ilma.

¹ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

- (16) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv potenzjali għall-fornituri tal-ilma li jipprovdu bejn 10 m³ u 100 m³ kuljum bħala medja jew li jfornu bejn 50 u 500 persuna, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżentaw lil daww il-fornituri tal-ilma milli jwettqu valutazzjoni tar-riskju tas-sistema ta' provvista dment li jsir monitoraġġ regolari skont din id-Direttiva. Bħala eċċezzjoni, l-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju jenħtieġ li tkun adattata għar-restrizzjonijiet speċifiċi tas-settur tal-bastimenti marittimi li jwettqu desalinizzazzjoni tal-ilma u jgħorru l-passiġġieri. Il-bastimenti marittimi li jtajjru l-bandiera tal-Unjoni jikkonformaw mal-qafas regolatorju internazzjonali meta jbaħħru f'ilmijiet internazzjonali. Jenħtieġ li jiġi żgurat li tingħata prijorità lir-regolamenti internazzjonali eżistenti jew l-istandards rikonoxxuti internazzjonalment, bħall-programm tas-sanità tal-bastimenti żviluppat mis-Servizz tas-Saħħa Pubblika tal-Istati Uniti, li huma aktar dettaljati u aktar stretti u li japplikaw għall-bastimenti fl-ilmijiet internazzjonali.
- (17) Valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju taż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni jenħtieġ li jieħdu approċċ olistiku u jkunu immirati lejn it-tnaqqis tal-livell ta' trattament meħtieġ għall-produzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, pereżempju billi jitnaqqsu l-persjonijiet li jikkawżaw it-tniġġis tal-korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jew ir-riskju ta' dak it-tniġġis. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkarakterizzaw iż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni, u jidentifikaw il-perikli u l-avvenimenti perikolużi li jistgħu jikkawżaw deterjorament fil-kwalità tal-ilma, bħal sorsi possibbli ta' tniġġis tal-ilma assoċjati ma' daww iż-żoni ta' wesgħa.

Meta meħtieġ f'id-dawl tal-identifikazzjoni tal-perikli, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmonitorjaw is-sustanzi niġġiesa li jidentifikaw bħala rilevanti bħan-nitrati, il-pestiċidi jew il-prodotti mediċinali identifikati skont id-Direttiva 2000/60/KE, jew minħabba l-preżenza naturali tagħhom fiż-żona tal-astrazzjoni, bħal fil-każ tal-arseniku, jew minħabba informazzjoni mingħand fornituri tal-ilma, per eżempju fir-rigward ta' żieda f'daqqa fil-konċentrazzjoni ta' parametru speċifiku f'ilma mhux ittrattat. Meta l-ilmijiet tal-wiċċ jintużaw għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari fil-valutazzjoni tar-riskju tagħhom lil mikroplastiki u lil komposti li jfixxlu s-sistema endokrinali, bħan-Nonilfenol u l-Beta-estradijoli, u jenħtieġ li, fejn ikun meħtieġ, jeżiġu li l-fornituri tal-ilma jimmonitorjaw u, fejn xieraq, iwettqu trattament għal dawk il-parametri u oħrajn inklużi fil-lista ta' sorveljanza jekk jitqiesu ta' periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem. Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju taż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni, jenħtieġ li jittieħdu miżuri ta' ġestjoni li jipprevjenu jew jikkontrollaw ir-riskji identifikati biex jissalvagwardjaw il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Meta Stat Membru jsib, permezz tal-identifikazzjoni tal-perikli u l-avvenimenti perikolużi, li parametru mhuwiex preżenti f'żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni, pereżempju minħabba li dik is-sustanza qatt ma tinstab fil-korpi tal-ilma ta' taħt l-art jew fil-korpi tal-ilma tal-wiċċ, jenħtieġ li l-Istat Membru jinforma lill-fornituri tal-ilma rilevanti u jenħtieġ li jkun jista' jippermettilhom inaqqsu l-frekwenza tal-monitoraġġ għal dak il-parametru, jew ineħħu dak il-parametru mil-lista ta' parametri li għandhom jiġu mmonitorjati, mingħajr ma titwettaq valutazzjoni tar-riskju tas-sistema ta' provvista.

- (18) Id-Direttiva 2000/60/KE teħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw il-korpi tal-ilma li jintużaw għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, li jimmonitorjawhom, u li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi evitata deterjorazzjoni fil-kwalità tagħhom sabiex jitnaqqas il-livell ta' trattament ta' purifikazzjoni meħtieġ fil-produzzjoni tal-ilma tajjeb għall-konsum mill-bniedem. Biex jiġi evitat li jkun hemm duplikazzjoni tal-obbligi, jenħtieġ li, meta jwettqu l-identifikazzjoni tal-perikli u l-avvenimenti perikolużi, l-Istati Membri jagħmlu użu mir-risultati disponibbli tal-monitoraġġ li jkunu rappreżentattivi taż-żoni ta' wesgħa, miksuba skont l-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 2000/60/KE jew skont leġislazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni. Madankollu, f'każijiet fejn tali data tal-monitoraġġ ma tkunx disponibbli, il-monitoraġġ tal-parametri, is-sustanzi jew sustanzi niġġiesa rilevanti jista' jiġi implimentat sabiex jappoġġa l-karatterizzazzjoni taż-żoni ta' wesgħa u jivvaluta r-riskji potenzjali. Tali monitoraġġ jenħtieġ li jiġi stabbilit b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjonijiet lokali u s-sorsi ta' tniġġis.

- (19) Fil-punt li fih l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem joħroġ mill-vitien li normalment jintużaw għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, jeħtieġ li jkun hemm konformità mal-valuri parametriċi stabbiliti f'din id-Direttiva għall-għanijiet li tiġi evalwata l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Madankollu, il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem tista' tkun affettwata mis-sistemi ta' distribuzzjoni domestika. Id-WHO tinnota li, mill-patoġeni kollha li jinġarru mill-ilma, il-*Legionella* tikkawża l-ogħla piż sanitarju fl-Unjoni. Din tiġi trazzmessa permezz tan-nifs minn sistemi tal-ilma sħun, pereżempju waqt li dak li jkun ikun qed jieħu doċċa. Għalhekk, hija marbuta b'mod ċar mas-sistemi ta' distribuzzjoni domestika. Billi l-impożizzjoni ta' obbligu unilaterali biex il-postijiet pubbliċi u privati kollha jiġu mmonitorjati għal dan il-patoġenu twassal għal spejjeż mhux raġonevoli u għoljin wisq, valutazzjoni tar-riskju tas-sistemi tad-distribuzzjoni domestika hija iktar adattata biex tindirizza din il-kwistjoni. Barra minn hekk, anki r-riskji potenzjali li jistgħu jirriżultaw minn prodotti u minn materjali li jiġu f'kontatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jenħtieġ li jiġu kkunsidrati f'dik il-valutazzjoni tar-riskju. Għalhekk, il-valutazzjoni tar-riskju tas-sistemi tad-distribuzzjoni domestika jenħtieġ li tinkludi, fost l-oħrajn, fokus fuq il-monitoraġġ ta' postijiet ta' prijorità, kif identifikati mill-Istati Membri, bħal sptarijiet, istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa, djar tal-anzjani, faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal, skejjel, istituzzjonijiet edukattivi, binjiet b'faċilità ta' akkomodazzjoni, ristoranti, bars, ċentri sportivi u kummerċjali, faċilitajiet ta' divertiment, ta' rikreazzjoni u ta' wiri, istituzzjonijiet penali u żoni għall-ikkampjar, u valutazzjoni tar-riskji li jirriżultaw mis-sistemi ta' distribuzzjoni domestika u mill-prodotti u l-materjali relatati. Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw, fost l-oħrajn, li jiġu stabbiliti miżuri xierqa ta' kontroll u ta' ġestjoni, pereżempju f'każi ta' tifqigħat, f'konformità mal-gwida mid-WHO, u li l-migrazzjoni ta' sustanzi potenzjalment ta' ħsara minn prodotti għall-bini ma tkunx ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem.

- (20) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/83/KE dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità tat-trattament, it-tagħmir u l-materjali ma rnexxielhomx joħlqu rekwiżiti ta' iġjene għal prodotti f'kontatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. B'riżultat ta' dan, approvazzjonijiet tal-prodotti fil-livell nazzjonali huma stabbiliti, b'rekwiżiti li jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor. Minħabba f'hekk, il-manifatturi jsibuha diffiċli u għalja biex jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom madwar l-Unjoni u l-Istati Membri wkoll isibuha għalja. Barra minnhekk, il-konsumaturi u l-fornituri tal-ilma jsibuha diffiċli jkunu jafu jekk il-prodotti jissodisfawx ir-rekwiżiti tas-saħħa. L-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi armonizzati f'din id-Direttiva għal materjali li jiġu f'kontatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ser jikkontribwixxi biex jintlaħaq livell uniformi ta' protezzjoni tas-saħħa madwar l-Unjoni, kif ukoll funzjonament aħjar tas-suq intern. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jistabbilixxi mekkaniżmu ta' sorveljanza ġenerali tas-suq għall-prodotti madwar l-Unjoni, bil-għan li jiġi żgurat li fis-suq tal-Unjoni jitqiegħdu biss għad-dispożizzjoni l-prodotti konformi li jissodisfaw ir-rekwiżiti li jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi, bħas-saħħa u s-sikurezza inġenerali, is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, il-protezzjoni tal-konsumaturi, il-protezzjoni tal-ambjent u s-sigurtà pubblika. Dak ir-Regolament jipprovdi li, jekk fil-ġejjieni tiġi adottata leġislazzjoni ġdida tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, tkun dik il-leġislazzjoni li jkollha tispeċifika jekk ir-Regolament (UE) 2019/1020 għandux japplika għal dik il-leġislazzjoni wkoll. Sabiex jiġi żgurat li jistgħu jittieħdu miżuri ta' sorveljanza xierqa tas-suq fir-rigward ta' prodotti li mhumiex diġà koperti bir-Regolament (UE) 2019/1020 iżda li jkunu affettwati minn din id-Direttiva, huwa xieraq li tkun prevista l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament għal dawk il-prodotti.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

- (21) In-natura ta' materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jista' jkollha impatt fuq il-kwalità ta' dan l-ilma permezz tal-migrazzjoni ta' sustanzi potenzjalment ta' ħsara, bit-tisħiħ tat-tkabbir mikrobiku jew billi jkollha influwenza fuq ir-riħa, il-lewn jew it-togħma ta' dan l-ilma. L-evalwazzjoni tad-Direttiva 98/83/KE sabet li d-dispożizzjonijiet dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità tat-trattament, tagħmir u materjali pprova wisq flessibbiltà legali, li wasslet għal sistemi ta' approvazzjoni nazzjonali differenti madwar l-Unjoni għal materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Għalhekk, hemm bżonn li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi ta' iġjene aktar speċifiċi għal materjali maħsuba li jiġu użati għall-astrazzjoni, it-trattament jew id-distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem f'installazzjonijiet ġodda jew f'installazzjonijiet eżistenti fil-każ ta' xogħlijiet ta' tiswija jew rikostruzzjoni sabiex jiżguraw li dawn ma jikkompromettux is-saħħa tal-bniedem jew direttament jew indirettament, ma jaffettwawx b'mod negattiv il-lewn, ir-riħa jew it-togħma tal-ilma, ma jsaħħu t-tkabbir mikrobiku fl-ilma jew jikkawżaw li kontaminanti jnixxu fl-ilma f'livelli li huma ogħla minn dawk meħtieġa fid-dawl tal-għan maħsub. Għal dan il-għan, jenħtieġ li din id-Direttiva tistipula rekwiżiti minimi speċifiċi ta' iġjene għall-materjali, billi tistabbilixxi metodoloġiji għall-isttesjar u l-aċċettazzjoni ta' sustanzi inizjali, kompożizzjonijiet u kostitwenti, listi pożittivi Ewropej ta' sustanzi inizjali, kompożizzjonijiet u kostitwenti, metodi u proċeduri għall-inklużjoni ta' sustanzi inizjali, kompożizzjonijiet jew kostitwenti fil-listi pożittivi Ewropej jew billi tirrieżamina l-inklużjoni tagħhom, u proċeduri u metodi għall-ittestjar u l-aċċettazzjoni ta' materjali finali kif użati fi prodott magħmul minn kombinazzjonijiet ta' sustanzi inizjali, kompożizzjonijiet jew kostitwenti fuq il-listi pożittivi Ewropej.

Sabiex l-innovazzjoni ma tiġix imfixkla, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li tali proċeduri jkunu proporzjonati, u li ma johlqux piż żejjed fuq l-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u medji. Sa fejn ikun possibbli, jenħtieġ li tali proċeduri jkunu allinjati mal-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni dwar il-prodotti, sabiex jiġi evitat piż doppju li jobbliga lill-operaturi ekonomiċi jwettqu valutazzjonijiet ta' konformità differenti għall-istess prodott.

- (22) Il-listi pożittivi Ewropej huma l-listi ta' sustanzi inizjali, kompożizzjonijiet jew kostitwenti, skont it-tip ta' materjali, jiġifieri organiku, tas-siment, metalliku, tal-enamel u taċ-ċeramika jew materjali inorganiċi oħra, awtorizzati għall-użu fil-manifattura ta' materjali, u dawk il-listi jenħtieġ li jinkludu, fejn xieraq, il-kondizzjonijiet għall-użu tagħhom u l-limiti ta' migrazzjoni. Għall-inklużjoni ta' sustanza inizjali, kompożizzjoni jew kostitwent fil-listi pożittivi Ewropej, valutazzjoni tar-riskju tas-sustanza inizjali, kompożizzjoni jew kostitwent nnifisha, kif ukoll l-impuritajiet rilevanti u r-reazzjoni prevedibbli u l-prodotti ta' degradazzjoni fl-użu maħsub, jenħtieġ li jkunu mehtiegħa. Il-valutazzjoni tar-riskju mill-applikant jew l-awtorità nazzjonali jenħtieġ li tkopri r-riskji għas-saħħa li ġejjin mill-migrazzjoni potenzjali fl-aġar kundizzjonijiet prevedibbli ta' użu u mit-tossiċità. Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju, jenħtieġ li l-listi pożittivi Ewropej jistabbilixxu, jekk ikun mehtiegħ, speċifikazzjonijiet għas-sustanza inizjali, kompożizzjoni jew kostitwent u restrizzjonijiet tal-użu, restrizzjonijiet kwantitattivi jew limiti ta' migrazzjoni għas-sustanza inizjali, kompożizzjoni jew kostitwenti, l-impuritajiet possibbli u l-prodotti jew il-kostitwenti ta' reazzjoni sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-materjal finali li ser jintuża fi prodott f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

Għall-fini li jiġu stabbiliti l-ewwel listi pożittivi Ewropej, jenħtieġ li l-listi pożittivi nazzjonali ta' sustanzi inizjali, kompożizzjonijiet u kostitwenti jew dispożizzjonijiet nazzjonali oħra, il-metodoloġiji li wasslu għall-istabbiliment ta' tali listi u dispożizzjonijiet nazzjonali, u l-valutazzjonijiet tar-riskju li jakkumpanjaw kull waħda mis-sustanzi inizjali, kompożizzjonijiet u kostitwenti jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ ("l-ECHA"). Jenħtieġ li, abbażi ta' dan, l-ECHA tirrakkomanda listi kompilati lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-ECHA tirrevedi u tagħti opinjoni dwar is-sustanzi, il-kompożizzjonijiet u l-kostitwenti fuq l-ewwel listi pożittivi Ewropej qabel ma l-Kummissjoni tirrevedi l-listi sa 15-il sena wara l-adozzjoni tagħhom. Għall-finijiet tal-aġġornament tal-listi pożittivi Ewropej, jenħtieġ li l-ECHA tagħti opinjonijiet dwar l-inklużjoni jew it-tneħħija ta' sustanzi, kompożizzjonijiet jew kostitwenti.

- (23) Sabiex jiġi ffaċilitat l-ittestjar uniformi tal-prodotti għall-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni titlob lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) biex jiżviluppa standards għall-ittestjar uniformi u l-valutazzjoni ta' prodotti li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Meta tistabbilixxi u taġġorna l-listi pożittivi Ewropej, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe att jew mandat ta' standardizzazzjoni rilevanti li tadotta skont leġislazzjoni oħra tal-Unjoni jkun konsistenti ma' din id-Direttiva.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

- (24) Barra minn hekk, sa mhux aktar tard minn disa' snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, il-funzjonament tas-sistema introdotta b'din id-Direttiva jenħtieġ li jiġi rivedut sabiex jiġi vvalutat jekk is-saħħa tal-bniedem hijiex qed tiġi protetta fl-Unjoni kollha u jekk huwiex protett sew il-funzjonament tas-suq intern f'termini ta' prodotti li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem bl-użu ta' materjali approvati. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun ivvalutat jekk kwalunkwe proposta leġislattiva ulterjuri dwar din il-kwistjoni hijiex meħtieġa, b'kont meħud b'mod partikolari tal-eżitu tal-evalwazzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 1935/2004¹ u (UE) Nru 305/2011² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4).

² Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).

- (25) Il-prodotti f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jenħtieġ li jikkonsistu minn materjal, jew kombinazzjoni ta' materjali, approvati skont din id-Direttiva. Madankollu, din id-Direttiva tindirizza biss l-aspetti tas-saħħa u tal-iġjene tal-materjali u s-sustanzi użati fil-prodotti fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, u r-regoli għall-ittestjar tal-konformità u l-kontroll tal-kwalità tal-prodotti finali. Ma tindirizzax rekwiżiti oħra, bħal pereżempju regoli dwar kif tiġi espressa l-prestazzjoni ta' prodotti jew ir-regoli dwar is-sikurezza strutturali, li jistgħu jiġu rregolati jew jirriżultaw minn leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, bħar-Regolament (UE) Nru 305/2011 jew ir-Regolament (UE) 2016/426 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Il-koeżistenza ta' aspetti ta' riskju għas-saħħa u l-iġjene armonizzati skont din id-Direttiva u aspetti ta' riskju għas-sikurezza jew aspetti ta' riskju oħra indirizzati skont il-leġislazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni ma tkun toħloq ebda kunflitt, dment li ma kienx hemm ebda duplikazzjoni fir-riskji rispettivament koperti. Kunflitt potenzjali bejn ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 u din id-Direttiva jeżisti, peress li l-evitar tar-rilaxx ta' sustanzi perikolużi fl-ilma għax-xorb jew sustanzi li għandhom impatt negattiv ieħor fuq l-ilma għax-xorb huwa elenkat fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 305/2011 bħala wieħed mir-rekwiżiti bażiċi għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Madankollu, din id-duplikazzjoni mhux ser isseħħ jekk ma jinħareġ ebda mandat ta' standardizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 dwar l-aspetti ta' saħħa u iġjene ta' prodotti f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

¹ Ir-Regolament (UE) 2016/426 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir li jaħraq karburanti gassużi u li jħassar id-Direttiva 2009/142/KE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 99).

- (26) Hemm bżonn li jiġu żgurati teħid ta' deċiżjonijiet, koordinazzjoni u ġestjoni effettivi fil-livell tal-Unjoni tal-aspetti tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi ta' din id-Direttiva relatati ma' materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Jenħtieġ li l-ECHA twettaq kompiti speċifikati f'din id-Direttiva fir-rigward tal-evalwazzjoni ta' sustanzi u kompożizzjonijiet għal materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Konsegwentement, jenħtieġ li l-Kumitat tal-Istima tar-Riskji tal-ECHA stabbilit skont il-punt (c) tal-Artikolu 76(1)tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jiffaċilita t-twettiq ta' ċerti kompiti mogħtija lill-ECHA b'din id-Direttiva billi jipprovdi opinjonijiet.
- (27) Sustanzi kimiċi għat-trattament u mezzi ta' filtrazzjoni jistgħu jintużaw biex jittrattaw ilma mhux ittrattat sabiex jinkiseb ilma li hu tajjeb għall-konsum mill-bniedem. Madankollu, is-sustanzi kimiċi għat-trattament u l-mezzi ta' filtrazzjoni jistgħu joħolqu riskji għas-sigurtà tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Għalhekk, jenħtieġ li l-proċeduri għat-trattament u d-diżinfettazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jiżguraw l-użu ta' sustanzi kimiċi għat-trattament u mezzi ta' filtrazzjoni li huma effettivi, sikuri u ġestiti b'mod xieraq biex jiġu evitati effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-konsumaturi. Is-sustanzi kimiċi għat-trattament u l-mezzi ta' filtrazzjoni għalhekk ikollhom bżonn jiġu vvalutati fir-rigward tal-karatteristiċi tagħhom, ir-rekwiżiti dwar l-iġjene u l-purezza, u jenħtieġ li huma ma jintużawx aktar milli jkun meħtieġ biex jiġu evitati riskji għas-saħħa tal-bniedem. Jenħtieġ li sustanzi kimiċi għat-trattament u l-mezzi ta' filtrazzjoni ma jsaħħux it-tkabbir mikrobiku ħlief jekk dan ikun maħsub, bħal pereżempju għat-tisħiħ ta' denitrifikazzjoni mikrobika.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jiggarrantixxu l-assigurazzjoni tal-kwalità ta' sustanzi kimiċi għat-trattament u l-mezzi ta' filtrazzjoni mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u bl-użu ta' standards Ewropej eżistenti meta disponibbli. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li kull prodott, kif ukoll il-kontenituri ta' reaġenti kimiċi u mezzi ta' filtrazzjoni, f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ikunu mmarkati b'mod ċarament leġġibbli u li ma jitħassarx meta mqiegħda fis-suq, filwaqt li jinforma lill-konsumaturi, il-fornituri tal-ilma, l-installaturi, l-awtoritajiet u r-regolaturi li l-oġġett huwa tajjeb għall-użu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Barra minn hekk, skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-użu ta' prodotti bijoċidali fil-provvista tal-ilma tax-xorb għall-pubbliku, inkluż fi provvisti individwali.

- (28) Bil-għan li tiġi mminimizzata l-preżenza potenzjali ta' kontenut ta' ċomb fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, komponenti magħmula miċ-ċomb f'sistemi ta' distribuzzjoni domestika jistgħu jiġu sostitwiti, b'mod partikolari f'każ ta' tiswija jew xogħlijiet ta' rikostruzzjoni f'installazzjonijiet eżistenti. Jenħtieġ li dawn il-komponenti jiġu sostitwiti minn materjali li jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi għal materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, kif stabbilit minn din id-Direttiva. Sabiex jitħaffef dak il-proċess, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw u, fejn rilevanti, jieħdu miżuri għas-sostituzzjoni tal-komponenti magħmula miċ-ċomb fis-sistemi ta' distribuzzjoni domestika eżistenti, jekk dan ikun ekonomikament u teknikament fattibbli.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

- (29) Jenħtieġ li kull Stat Membru jiżgura li jiġu stabbiliti programmi ta' monitoraġġ li jiżguraw li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jissodisfa r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Il-bieċa l-kbira mill-monitoraġġ li jrid isir għall-finijiet ta' din id-Direttiva ser jitwettaq mill-fornituri tal-ilma. Jenħtieġ li tingħata ċerta flessibbiltà lill-fornituri tal-ilma fir-rigward tal-parametri li jimmonitorjaw għall-finijiet ta' valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista. Jekk parametru ma jiġix rilevat, jenħtieġ li l-fornituri tal-ilma ikunu jistgħu jnaqqsu l-frekwenza tal-monitoraġġ jew jieqfu għalkollox milli jimmonitorjaw dak il-parametru. Valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista jenħtieġ li titwettaq għall-bieċa l-kbira tal-parametri. Madankollu, jenħtieġ li l-parametri ewlenin jiġu mmonitorjata dejjem bi frekwenza minima speċifikata. Din id-Direttiva tistabbilixxi prinċipalment dispożizzjonijiet dwar il-frekwenza tal-monitoraġġ għall-finijiet ta' kontrolli tal-konformità, b'dispożizzjonijiet limitati biss dwar il-monitoraġġ għal finijiet operattivi. Jista' jkun hemm bżonn ta' monitoraġġ addizzjonali għal finijiet operattivi biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tat-trattament tal-ilma. Dan il-monitoraġġ addizzjonali jenħtieġ li jitwettaq skont id-diskrezzjoni tal-fornituri tal-ilma. F'dak ir-rigward, il-fornituri tal-ilma jistgħu jirreferu għal-Linji Gwida u għall-Manwal tal-Pjan tas-Sigurtà tal-Ilma tad-WHO.
- (30) L-approċċ ibbażat fuq ir-riskju jenħtieġ li jiġi applikat mill-fornituri kollha tal-ilma, inkluż mill-fornituri tal-ilma ż-żgħar, peress li l-evalwazzjoni tad-Direttiva 98/83/KE uriet nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tagħha minn dawk il-fornituri, li xi drabi kienu kkawżati mill-ispejjeż li jinvolvi t-twettiq ta' operazzjonijiet ta' monitoraġġ mhux meħtieġa. Meta jiġi applikat l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju, it-tħassib dwar is-sigurtà jenħtieġ li jitqiesu.

- (31) F'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti imposti minn din id-Direttiva, jenħtiegħ li l-Istat Membru konċernat jinvestiga l-kawża minnufih u jiżgura li, kemm jista' jkun malajr, tittieħed l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex titranġa l-kwalità tal-ilma pprovdut. F'każijiet fejn il-provvista tal-ilma tikkostitwixxi periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, jenħtiegħ li l-provvista ta' dak l-ilma tiġi pprojbita jew l-użu ta' dak l-ilma jiġi ristrett. Barra minn hekk, fil-każ ta' nuqqas li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti minimi għal valuri relatati ma' parametri mikrobijoloġiċi u kimiċi, jenħtiegħ li l-Istati Membri jikkunsidraw dan in-nuqqas bħala periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem ħlief meta n-nuqqas ta' konformità jitqies trivjali. F'każijiet fejn tkun meħtieġa azzjoni korrettiva biex titranġa l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, skont l-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jenħtiegħ li tingħata prijorità lill-azzjoni li ssewwi l-problema fis-sors.
- (32) Jenħtiegħ li l-Istati Membri jkunu awtorizzati, skont ċerti kondizzjonijiet u f'ċirkostanzi debitament ġustifikati, li jkomplu jagħtu derogi minn din id-Direttiva, u f'dan ir-rigward huwa neċessarju li jiġi stabbilit qafas xieraq għal dawn id-derogi, dment li huma ma jgħolqux periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u dment li l-provvista tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fil-post ikkonċernat ma tkunx tista' tinżamm b'mezzi oħra raġonevoli. Jenħtiegħ li daww id-derogi jkunu limitati għal każijiet speċifiċi. Id-derogi mogħtija mill-Istati Membri skont id-Direttiva 98/83/KE u li jkunu għadhom applikabbli fl-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva jenħtiegħ li jibqgħu japplikaw sa tmiem id-deroga u jiġġeddu skont din id-Direttiva biss f'każ li ma tkunx għadha nġhatat tieni deroga.

- (33) Fil-komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Marzu 2014 dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "L-Ilma u s-sanità huma dritt tal-bniedem! L-ilma huwa ġid pubbliku, mhux komodità!", il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jiżguraw li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess għal provvista minima tal-ilma, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO. Barra minn hekk, impenjat ruħha li tkompli "ttejjeb l-aċċess għal ilma tajjeb għax-xorb [...] għall-popolazzjoni kollha permezz ta' politiki ambjentali". Dan huwa konformi mal-SDG 6 u mal-mira assoċjata li "jinkiseb aċċess universali u ġust għal ilma tax-xorb sikur u affordabbli għal kulħadd". Sabiex jiġu indirizzati daww l-aspetti tal-aċċess għall-ilma li huma relatati mal-kwalità u d-disponibbiltà u bħala parti mir-risposta għall-inizjattiva Right2Water, u biex ikun hemm kontribut għall-implimentazzjoni tal-Prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li tiddikjara li "kulħadd għandu d-dritt li jkollu aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità tajba, inkluż l-ilma", jenħtieġ li l-Istati Membri jindirizzaw il-kwistjoni tal-aċċess għall-ilma fil-livell nazzjonali filwaqt li jgawdu minn ċerta diskrezzjoni rigward it-tip eżatt ta' miżuri li għandhom jiġu implimentati. Dan jenħtieġ li jsir permezz ta' azzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għal kulħadd, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment ta' tagħmir ta' barra u ta' ġewwa fl-ispazji pubbliċi fejn ikun teknikament fattibbli, kif ukoll permezz ta' azzjonijiet immirati lejn il-promozzjoni tal-użu tal-ilma tal-vit, pereżempju billi titħeġġeġ il-provvista b'xejn tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fl-amministrazzjonijiet pubbliċi u fil-bini pubbliku jew, b'xejn jew bi ħlas żgħir għas-servizz, fil-każ ta' klijenti f'ristoranti, f'canteens u fis-servizzi tal-forniment tal-ikel.

- (34) L-Unjoni u l-Istati Membri impenjaw ruħhom, fil-limiti tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, għall-kisba tal-SDGs, filwaqt li jirrikonoxxu r-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri fis-segwitu u r-reviżjoni, fil-livelli nazzjonali, reġjonali u globali, tal-progress lejn dawk l-għanijiet. Uħud mill-SDGs u d-dritt għall-ilma ma jaqgħux fi ħdan il-politika ambjentali tal-Unjoni jew il-politika soċjali tal-Unjoni, li hija limitata u komplementari fin-natura tagħha. Filwaqt li wieħed għandu jżomm f'moħħu l-limiti tal-kompetenza tal-Unjoni, huwa madankollu xieraq li jiġi żgurat li l-impenn kontinwu tal-Istati Membri għad-dritt għall-ilma jkun f'konformità ma' din id-Direttiva, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri bħalissa qed jagħmlu sforzi konsiderevoli biex jitjieb l-aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) u l-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Protokoll tal-Ewropa dwar l-Ilma u s-Saħħa għall-Konvenzjoni tal-1992 fuq il-Protezzjoni u l-Użu ta' Passaġġi tal-Ilma Transkonfinali u Għadajjar Internazzjonali, li ħafna Stati Membri huma wkoll Partijiet għaliha, għandu l-għan li jipproteġi s-saħħa tal-bniedem permezz ta' ġestjoni aħjar tal-ilma u t-tnaqqis ta' mard relatat mal-ilma. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mid-dokumenti ta' gwida żviluppati taħt il-kompetenza ta' dak il-Protokoll biex jivvalutaw l-isfond tal-politika u s-sitwazzjoni bażi dwar l-aċċess għall-ilma biex jiddefinixxu l-azzjonijiet meħtieġa biex jitjieb l-aċċess ekwu għal kulħadd għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

- (35) Il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2015 dwar is-segwitu għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej Right2Water¹, talab li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali għall-bżonnijiet tal-gruppi vulnerabbli fis-soċjetà. Is-sitwazzjoni speċifika tal-kulturi ta' minoranza bħar-Rom u t-Travellers, kemm jekk huma sedentarji kif ukoll jekk le, u b'mod partikolari n-nuqqas ta' aċċess tagħhom għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, għet rikonoxxuta wkoll fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' April 2014 "Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom" u fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom fl-Istati Membri. Fid-dawl ta' dak il-kuntest ġenerali, huwa xieraq li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lil gruppi vulnerabbli u emarġinati billi jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jitlej l-aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għal dawk il-gruppi. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jiddefinixxu dawk il-gruppi, ikun importanti li tali gruppi jinkludu refuġjati, komunitajiet nomadi, persuni mingħajr dar u kulturi ta' minoranza bħar-Rom u t-Travellers, kemm jekk huma sedentarji kif ukoll jekk le. Dawn il-miżuri li jtejjbu l-aċċess, li tħallaw f'idejn l-Istati Membri, jistgħu, pereżempju, jinkludu l-għoti ta' sistemi alternattivi ta' provvista, bħal tagħmir ta' trattament individwali, il-provvista ta' ilma permezz tal-użu ta' bawżers, bħal trakkijiet u ċisterni, u l-iżgurar tal-preżenza tal-infrastruttura meħtieġa għall-kampanijiet.

¹ ĠU C 316, 22.9.2017, p. 99.

- (36) Sabiex il-konsumaturi jsiru aktar konxji mill-implikazzjonijiet tal-konsum tal-ilma, jenħtieġ li jirċievu informazzjoni b'mod faċilment aċċessibbli, pereżempju fil-fatturi tagħhom jew permezz ta' applikazzjonijiet intelliġenti, dwar il-volum ikkonsmat kull sena, il-bidliet fil-konsum, tqabbil mal-konsum medju ta' unità domestika meta tali informazzjoni tkun disponibbli għall-fornitur tal-ilma, kif ukoll dwar il-prezz għal kull litru ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, biex b'hekk ikun jista' jsir tqabbil mal-prezz tal-ilma tal-fliexken.
- (37) Is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali sal-2020, "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna"¹, jeħtieġ li l-pubbliku jkollu aċċess għal tagħrif ambjentali ċar f'livell nazzjonali. Id-Direttiva 98/83/KE ipprevediet biss aċċess passiv għall-informazzjoni, li jfisser li l-Istati Membri kellhom jiżguraw biss li l-informazzjoni kienet disponibbli. Għalhekk jenħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet jiġu sostitwiti biex jiġi żgurat li l-konsumaturi online jkollhom aċċess għall-informazzjoni aġġornata, b'mod personalizzat u li jkun faċli għall-utent. Jenħtieġ li l-konsumaturi jkunu jistgħu wkoll jitolbu aċċess għal din l-informazzjoni b'mezzi oħra, permezz ta' talba ġustifikata.

¹ Id-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171).

- (38) L-informazzjoni aġġornata li trid tiġi pprovduta taħt din id-Direttiva jenħtieġ li tinkludi riżultati minn programmi ta' monitoraġġ, informazzjoni dwar it-tipi ta' trattament u diżinfettazzjoni tal-ilma applikati, informazzjoni dwar il-qabża tal-valuri parametriċi rilevanti għas-saħħa tal-bniedem, informazzjoni rilevanti dwar il-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista, pariri dwar kif jitnaqqas il-konsum tal-ilma u jiġu evitati riskji għas-saħħa minħabba ilma qiegħed, iżda wkoll informazzjoni addizzjonali li tista' tkun utli għall-pubbliku, bħal informazzjoni dwar l-indikaturi bħall-ħadid, l-ebusija u l-minerali li ta' spiss tinfluwenza l-perċezzjonijiet tal-konsumaturi rigward l-ilma tal-vit. Barra minn hekk, bħala rispons għall-interess tal-konsumatur fi kwistjonijiet tal-ilma, jenħtieġ li l-konsumaturi jingħataw aċċess, fuq talba, għal data storika disponibbli dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ u l-qabżiet.
- (39) Fir-rigward tal-fornituri tal-ilma li jforu mill-inqas 10 000 m³ kuljum jew li jservu mill-inqas 50 000 persuna, jenħtieġ li tkun disponibbli informazzjoni online addizzjonali għall-konsumaturi dwar, fost oħrajn, l-effiċjenza tal-prestazzjoni, ir-rati ta' tnixxija, l-istruttura tas-sjieda u l-istruttura tat-tariffi.
- (40) L-iskop tal-għarfien aħjar tal-konsumaturi dwar informazzjoni rilevanti u t-trasparenza mtejbja jenħtieġ li jkun li tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini fl-ilma fornut lilhom, kif ukoll fis-servizzi tal-ilma, u dan jenħtieġ li jwassal għal żieda fl-użu tal-ilma tal-vit bħala ilma tax-xorb, li mbagħad jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-użu u l-iskart tal-plastik u tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, u għal impatt pożittiv fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u fuq l-ambjent b'mod ġenerali.

- (41) Bit-titjib tat-tekniki ta' monitoraġġ, ir-rati ta' tnixxija saru dejjem aktar evidenti. Sabiex tittejjeb l-effiċjenza tal-infrastruttura tal-ilma inkluż li jiġi evitat l-isfruttament żejjed ta' r-riżorsi skarsi tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, il-livelli ta' tnixxija tal-ilma jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-Istati Membri kollha u li jitnaqqsu jekk jaqbuż ċertu limitu.
- (42) Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ għandha l-għan li tiggarrantixxi d-dritt ta' aċċess għat-tagħrif ambjentali fl-Istati Membri f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus tal-1998 dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja f' Kwistjonijiet Ambjentali² ("il-Konvenzjoni ta' Aarhus"). Il-Konvenzjoni ta' Aarhus tiġbor fiha obbligi ġenerali relatati kemm mal-ġhoti tat-tagħrif ambjentali fuq talba kif ukoll mat-tixrid ta' dan it-tagħrif b'mod attiv. Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ ukoll għandha kamp ta' applikazzjoni wiesa', u tkopri l-kondiviżjoni tal-infurmazzjoni ġeografika, inklużi settijiet ta' data dwar suġġetti ambjentali differenti. Huwa importanti li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar l-aċċess għall-infurmazzjoni u l-arranġamenti tal-kondiviżjoni tad-data jikkumplementaw daww id-Direttivi, u li dawn ma johlqux sistema legali separata. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-infurmazzjoni għall-pubbliku u l-infurmazzjoni fuq il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2003/4/KE u 2007/2/KE.

¹ Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

² ĠU L 124, 17.5.2005, p. 4.

³ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

- (43) Id-Direttiva 98/83/KE ma stabbilixxietx obbligi ta' rappurtar għall-fornituri tal-ilma ż-żgħar. Biex din is-sitwazzjoni tiġi rimedjata u biex tiġi indirizzata l-ħtieġa għal informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-konformità, jenħtieġ li tiddaħħal sistema ġdida f'din id-Direttiva li permezz tagħha l-Istati Membri jridu jistabbilixxu, jaġġornaw b'mod kontinwu u jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ('l-EEA') settijiet ta' data li jkun fihom biss data rilevanti, bħalma huma okkorrenzi meta jinqabżu l-valuri parametriċi u inċidenti ta' ċerta importanza. Jenħtieġ li dan jiżgura li l-piż amministrattiv fuq l-entitajiet kollha jibqa' limitat kemm jista' jkun. Biex jiżguraw li teżisti l-infrastruttura xierqa għall-aċċess pubbliku, għar-rappurtar u għall-kondiviżjoni tad-data bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jibbażaw l-ispeċifikazzjonijiet tad-data fuq id-Direttiva 2007/2/KE u fuq l-atti ta' implimentazzjoni tagħha.
- (44) Id-data rrappurtata mill-Istati Membri mhijiex meħtieġa biss għall-finijiet ta' verifika tal-konformità iżda hija essenzjali wkoll biex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja u tivvaluta din id-Direttiva meta mqabbla mal-għanijiet li trid tikseb sabiex tinforma kwalunkwe valutazzjoni futura ta' din id-Direttiva f'konformità mal-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹. F'dak il-kuntest, hemm ħtieġa għal data rilevanti li tippermetti valutazzjoni aħjar tal-effiċjenza, tal-effettività, tar-rilevanza u tal-valur miżjud tal-Unjoni ta' din id-Direttiva, u huwa proprju għalhekk li hemm bżonn li jiġi żgurat li jeżistu mekkaniżmi xierqa ta' rappurtar li jistgħu jservu wkoll bħala indikaturi għal evalwazzjonijiet futuri ta' din id-Direttiva.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (45) Skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva f'ċertu perijodu ta' żmien li jibda mid-data stipulata għat-traspożizzjoni tagħha. Dik l-evalwazzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq esperjenza miksuba u fuq data miġbura matul l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, fuq kwalunkwe rakkomandazzjoni disponibbli tad-WHO u fuq data xjentifika, analitika u epidemjoloġika rilevanti.
- (46) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, din id-Direttiva għandha l-għan li tippromwovi l-prinċipji relatati mal-kura tas-saħħa, mal-aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, mal-ħarsien tal-ambjent u mal-protezzjoni tal-konsumatur.
- (47) L-effettività ta' din id-Direttiva u l-għan tagħha li ttiproteġi s-saħħa tal-bniedem fil-kuntest tal-politika ambjentali tal-Unjoni jeħtieġu li persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew fejn xieraq l-organizzazzjonijiet debitament kostitwiti tagħhom, ikunu jistgħu jiddependu fuqha fi proċedimenti legali u li l-qrati nazzjonali jkunu jistgħu jqisu din id-Direttiva bħala element tad-dritt tal-Unjoni sabiex, fost oħrajn, jiġu riveduti d-deċiżjonijiet ta' awtorità nazzjonali fejn ikun xieraq. Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, skont il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), huma l-qrati tal-Istati Membri li għandhom jiżguraw il-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet ta' persuna skont id-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 19(1) TUE jeħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu rimedji suffiċjenti biex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni.

Dan japplika, b'mod partikolari, fir-rigward ta' Direttiva li għandha l-oġġettiv li tħares is-saħħa tal-bniedem mill-effetti kienet ta' kull tniġġis ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Barra minn hekk, skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus, il-membri kkonċernati tal-pubbliku jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-ġustizzja sabiex jikkontribwixxu għall-ħarsien tad-dritt li wieħed jgħix f'ambjent li huwa xieraq għas-saħħa u l-benesseri personali.

Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/881¹, il-Kummissjoni ntalbet twettaq studju sat-30 ta' Settembru 2019 u, jekk ikun xieraq fid-dawl tal-istudju, tippreżenta sat-30 ta' Settembru 2020 proposta biex jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², sabiex jiġu indirizzati s-sejbiet tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus fil-kawża ACCC/C/2008/32. Il-Kummissjoni ppreżentat l-istudju sa dik l-iskadenza u ddikjarat, fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, li hija "ser tikkunsidra r-reviżjoni tar-Regolament ta' Aarhus biex ittejjeb l-aċċess għal rieżami amministrattivi u ġudizzjarju fil-livell tal-UE għaċ-ċittadini u l-NGOs li għandhom tħassib dwar il-legalità ta' deċiżjonijiet b'effetti fuq l-ambjent" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Huwa importanti li l-Kummissjoni tieħu wkoll azzjoni biex ittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja miċ-ċittadini u l-NGOs quddiem il-qrati nazzjonali fl-Istati Membri kollha.

-
- ¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/881 tat-18 ta' Ġunju 2018 li titlob lill-Kummissjoni tippreżenta studju dwar l-opzjonijiet tal-Unjoni biex tindirizza l-konklużjonijiet tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus fil-kawża ACCC/C/2008/32 u, jekk adatt fid-dawl tar-riżultati tal-istudju, proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1367/2006 (ĠU L 155, 19.6.2018, p. 6).
- ² Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali. (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13).

- (48) Sabiex din id-Direttiva tiġi adattata għall-progress xjentifiku u tekniku jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-iffissar ta' limitu għat-tnixxijiet, l-istabbiliment ta' proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità għal prodotti f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, l-istabbiliment ta' proċedura għal applikazzjonijiet lill-ECHA għall-inklużjoni jew it-tneħħija mil-listi pożittivi Ewropej ta' sustanzi inizjali, kompożizzjonijiet jew kostitwenti, l-istabbiliment ta' marka għal prodotti f'kuntatt mal-ilma, l-adozzjoni ta' metodoloġija biex tkejjel il-mikroplastik, l-emendar tal-Anness III u l-emendar tal-valur parametrik għall-Bisfenol A fil-Parti B tal-Anness I. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni uguali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. Barra minn hekk, minħabba l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom¹, is-setgħa mogħtija stipulata fin-Nota 10 tal-Parti C tal-Anness I għad-Direttiva 98/83/KE sabiex jiġu stabbiliti l-frekwenzi tal-monitoraġġ u l-metodi ta' monitoraġġ għal sustanzi radjuattivi, ma għadhiex tapplika, u għalhekk jenħtieġ li titħassar. Is-setgħa mogħtija stipulata fit-tieni subparagrafu tal-Parti A tal-Anness III għad-Direttiva 98/83/KE rigward l-emendi tad-Direttiva m'għadhiex meħtieġa, u għalhekk jenħtieġ li titħassar.

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tat-22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 296, 7.11.2013, p. 12).

- (49) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni għall-adozzjoni ta' metodoloġiji għall-ittestjar u l-aċċettazzjoni ta' sustanzi inizjali, kompożizzjonijiet u kostitwenti, ta' listi pożittivi Ewropej ta' sustanzi inizjali, kompożizzjonijiet u kostitwenti, u ta' proċeduri u metodi għall-ittestjar u l-aċċettazzjoni ta' materjali finali magħmula minn dawk is-sustanzi inizjali, kompożizzjonijiet jew kostitwenti. Jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni jingħataw ukoll lill-Kummissjoni għall-adozzjoni tal-format tal-informazzjoni u l-modalitajiet għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni li trid tiġi pprovduta mill-Istati Membri u li tiġi kkompilata mill-EEA dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, kif ukoll għall-istabbiliment u l-aġġornament ta' lista ta' sorveljanza. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (50) Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-penali li huma applikabbli b'rabta mal-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali jenħtieġ li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

² Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

- (51) Sabiex il-fornituri tal-ilma jkollhom sett sħiħ ta' data disponibbli meta dawn jibdew iwettqu l-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju tas-sistema ta' provvista, jenħtieġ li jiġi introdott perijodu ta' transizzjoni ta' tliet snin għal parametri ġodda. Dan ser jippermetti lill-Istati Membri jwettqu l-identifikazzjoni tal-perikli u l-avvenimenti perikolużi matul dawk l-ewwel tliet snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, u biex jipprovdu data lill-fornituri tal-ilma dwar il-parametri l-ġodda, biex b'hekk jevitaw kwalunkwe monitoraġġ mhux neċessarju mill-fornituri tal-ilma jekk jinstab li parametru ma għandux għalfejn jiġi mmonitorjat wara l-ewwel identifikazzjoni tal-perikli u l-avvenimenti perikolużi. Matul dawk l-ewwel tliet snin, madankollu jenħtieġ li l-fornituri tal-ilma jwettqu l-valutazzjoni tar-riskju tas-sistema ta' provvista, jew jużaw valutazzjonijiet tar-riskju eżistenti diġà mwettqa skont id-Direttiva (UE) 2015/1787, għal dawk il-parametri li kienu parti mill-Anness I għad-Direttiva 98/83/KE, minħabba li d-data tkun diġà disponibbli għal dawk il-parametri meta din id-Direttiva tidħol fis-seħħ.
- (52) Id-Direttiva 2013/51/Euratom tistabbilixxi arranġamenti speċifiċi għall-monitoraġġ ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tistabbilixxix valuri parametriċi b'rabta mar-radjuattività.

- (53) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u t-titjib tal-aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (54) Jenħtieġ li l-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbel mad-Direttivi ta' qabel. L-obbligu tat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet li mhumex mibdula jirriżulta mid-Direttivi preċedenti.
- (55) Din id-Direttiva jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness VI,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Objettivi

1. Din id-Direttiva hi dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għal kulħadd fl-Unjoni.
2. L-objettivi ta' din id-Direttiva huma li tħares is-saħħa tal-bniedem mill-effetti ħżiena ta' kwalunkwe tniġġis tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem billi jkun żgurat li dan ikun tajjeb għas-saħħa u nadif, u li ttejjeb l-aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem" tfisser:
 - (a) l-ilma kollu, fl-istat oriġinali tiegħu jew wara trattament, maħsub għax-xorb, tisjir, tħejjija tal-ikel jew għanijiet oħra domestiċi f'postijiet pubbliċi jew privati, irrISPettivament mill-orijini tiegħu u minn jekk huwiex fornut minn network ta' distribuzzjoni, fornut minn bawżer jew imqiegħed fi fliexken jew kontenituri, inkluż ilma tan-nixxiegħa;
 - (b) l-ilma kollu użat fi kwalunkwe negozju tal-ikel għall-manifattura, l-ipproċessar, il-preservazzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti jew sustanzi maħsuba għall-konsum mill-bniedem;

- (2) "sistema ta' distribuzzjoni domestika" tfisser is-sistema ta' pajpijiet, fittings u appliances oħra li huma installati bejn il-viti li huma normalment użati għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kemm f'postijiet pubbliċi kif ukoll f'postijiet privati u n-network ta' distribuzzjoni, imma biss jekk dawn ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà tal-fornitur tal-ilma, fil-kapaċità tiegħu ta' furnitur tal-ilma, skont il-liġi nazzjonali rilevanti;
- (3) "fornitur tal-ilma" tfisser entità li tforni ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;
- (4) "postijiet ta' prijorità" tfisser proprjetajiet immobbli kbar mhux domestiċi b'ħafna utenti li potenzjalment jistgħu jkunu esposti għal riskji relatati mal-ilma, b'mod partikolari proprjetajiet immobbli kbar għall-użu mill-pubbliku, kif identifikati mill-Istati Membri;
- (5) "negożju tal-ikel" tfisser negożju tal-ikel kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002;
- (6) "operatur ta' negożju tal-ikel" tfisser operatur ta' negożju tal-ikel kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002;
- (7) "periklu" tfisser aġent bijoloġiku, kimiku, fiżiku jew radjoloġiku fl-ilma, jew aspett ieħor tal-kundizzjoni tal-ilma, li jkollu l-potenzjal li jikkawża ħsara lis-saħħa tal-bniedem;
- (8) "avveniment perikoluż" tfisser avveniment li jintroduċi perikli fis-sistema tal-provvista tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, jew li jonqos milli jneħħihom mis-sistema;

- (9) "riskju" tfisser kombinazzjoni tal-probabbiltà ta' avveniment perikoluż u l-gravità tal-konsegwenzi f'każ li jseħħ il-periklu u l-avveniment perikoluż fis-sistema tal-provvista tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;
- (10) "sustanza inizjali" tfisser sustanza li tkun ġiet miżjudha intenzjonalment fil-produzzjoni ta' materjali organiċi jew ta' taħlit għal materjali tas-siment;
- (11) "kompożizzjoni" tfisser il-kompożizzjoni kimika tal-metall, l-enamel, iċ-ċeramika jew materjal inorganiku ieħor.

Artikolu 3

Eżenzjonijiet

- 1. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal:
 - (a) ilmijiet minerali naturali magħrufin bħala tali mill-awtorità responsabbli, kif imsemmija fid-Direttiva 2009/54/KE; jew
 - (b) ilmijiet li huma prodotti mediċinali skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/83/KE.
- 2. Il-bastimenti marittimi li jwettqu desalinizzazzjoni tal-ilma, iġorru l-passiġġieri u jaġixxu bħala fornituri tal-ilma għandhom ikunu soġġetti biss għall-Artikoli 1 sa 6 u l-Artikoli 9, 10, 13 u 14 ta' din id-Direttiva u l-Annessi rilevanti tagħha.

3. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw minn din id-Direttiva:
- (a) ilma maħsub esklużivament għal dawk l-għanijiet li għalihom l-awtoritajiet kompetenti huma sodisfatti li l-kwalità tal-ilma m'għandux influwenza, la diretta u lanqas indiretta, fuq is-saħħa tal-konsumaturi konċernati;
 - (b) ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li jkun ġej minn provvista individwali li ttipprovdi medja ta' inqas minn 10 m³ kuljum jew li sservi inqas minn 50 persuna, sakemm l-ilma ma jkunx provdut bħala parti minn attività kummerċjali jew pubblika.
4. L-Istati Membri li jirrikorru għall-eżenzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 3 għandhom jiżguraw li l-popolazzjoni konċernata tiġi mgħarrfa li qed isir tali rikors għal eżenzjonijiet u dwar kwalunkwe azzjoni li tista' tittieħed biex ttiproteġi s-saħħa tal-bniedem minn effetti ħżiena kkawżati minn kwalunkwe tniġġis ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Barra minn hekk, fejn ikun evidenti li hemm ħsara potenzjali għas-saħħa tal-bniedem ġejja mill-kwalità ta' dan l-ilma, il-popolazzjoni konċernata għandha minnufih tingħata pariri adatti.
5. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-operaturi ta' negozju tal-ikel minn din id-Direttiva fir-rigward tal-ilma li jintuża għall-finijiet speċifiċi tan-negozju tal-ikel, jekk l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu sodisfatti li l-kwalità ta' tali ilma ma tistax taffettwa s-sigurtà tal-prodotti tal-ikel fl-għamla aħħarija tagħhom u dment li l-provvista tal-ilma tan-negozju tal-ikel tikkonforma mal-obbligi, b'mod partikolari skont il-proċeduri dwar l-analiżi tal-perikli u l-prinċipji ta' punti ta' kontroll kritiċi u l-azzjonijiet korrettivi skont il-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-ikel.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li jitqiegħed fi fliexken jew kontenituri jikkonformaw mal-Artikoli 1 sa 5 u l-Partijiet A u B tal-Anness I.

Madankollu, ir-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Parti A tal-Anness I ma għandhomx japplikaw għall-ilma tan-nixxieġha kif imsemmi fid-Direttiva 2009/54/KE.

6. Il-fornituri tal-ilma li jfornu inqas minn medja ta' 10m³ kull jum jew li jservu inqas minn 50 persuna bħala parti minn attività kummerċjali jew pubblika għandhom ikunu soġġetti biss għall-Artikoli 1 sa 6 u l-Artikoli 13, 14 u 15 ta' din id-Direttiva u l-Annessi rilevanti tagħha.

Artikolu 4

Obbligi ġenerali

1. Mingħajr preġudizzju lejn l-obbligi tagħhom skont liġi oħra tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem huwa tajjeb għas-saħħa u nadif. Għall-għanijiet tar-rekwiżiti minimi ta' din id-Direttiva, l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għandu jkun tajjeb għas-saħħa u nadif jekk il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu sodisfati:
 - (a) dak l-ilma ma jkunx fih mikroorganizi u parassiti u sustanzi li, f'numri jew konċentrazzjonijiet, jistgħu jkunu ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem;
 - (b) dak l-ilma jissodisfa r-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Partijiet A, B u D tal-Anness I;

(c) l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri kollha meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikoli 5 sa 14.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex tiġi implimentata din id-Direttiva jkunu bbażati fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u li febda ċirkostanza ma jippermettu, direttament jew indirettament, xi tnaqqis tal-kwalità preżenti tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u lanqas xi żieda fit-tniġġis ta' ilmijiet użati għall-produzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.
3. Skont id-Direttiva 2000/60/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ssir valutazzjoni tal-livelli ta' tnixxija tal-ilma fit-territorju tagħhom u tal-potenzjal għal titjib fit-tnaqqis tat-tnixxija tal-ilma bl-użu tal-metodu ta' klassifikazzjoni tal-indiċi ta' tnixxija infrastrutturali (ILI) jew ta' metodu xieraq ieħor. Dik il-valutazzjoni għandha tqis l-aspetti tas-saħħa pubblika, ambjentali, tekniċi u ekonomiċi rilevanti u tkopri mill-inqas il-fornituri tal-ilma li jfornu mill-inqas 10 000 m³ kuljum jew li jservu mill-inqas 50 000 persuna.

Ir-riżultati tal-valutazzjoni għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni sa... [tliet snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva].

Sa... [ħames snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 21 sabiex tissupplimenta din id-Direttiva, billi tistabbilixxi limitu, ibbażat fuq l-ILI jew metodu xieraq ieħor, li 'l fuq minnu l-Istati Membri għandhom jippreżentaw pjan ta' azzjoni. Dak l-att delegat għandu jiġi abbozzat bl-użu tal-valutazzjonijiet tal-Istati Membri u r-rata medja ta' tnixxija tal-Unjoni ddeterminata abbażi ta' dawk il-valutazzjonijiet.

Fi żmien sentejn mill-adozzjoni tal-att delegat imsemmi fit-tielet subparagrafu, l-Istati Membri li jkollhom rata ta' tnixxija li taqbeż il-limitu stabbilit fl-att delegat għandhom jippreżentaw pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni li jistabbilixxi sett ta' miżuri li jridu jittieħdu sabiex titnaqqas ir-rata ta' tnixxija tagħhom.

Artikolu 5
Standards tal-kwalità

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu valuri applikabbli għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għall-parametri stabbiliti fl-Anness I.
2. Il-valuri parametriċi stabbiliti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx ikunu inqas stretti minn dawk stabbiliti fil-Partijiet A, B, C u D tal-Anness I. F'dak li jirrigwarda l-parametri stabbiliti fil-Parti C tal-Anness I, il-valuri għandhom ikunu stabbiliti biss għal finijiet ta' monitoraġġ u bil-għan li jkun żgurat li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 14.
3. Stat Membru għandu jistabbilixxi valuri għal parametri oħra mhux inklużi fl-Anness I jekk dan ikun meħtieġ għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem fit-territorju nazzjonali tiegħu jew f'parti minnu. Il-valuri stabbiliti għandhom, tal-inqas, jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt (a) tal-Artikolu 4(1).

Artikolu 6

Punt ta' konformità

1. Għandu jkun hemm konformità mal-valuri parametriċi stabbiliti skont l-Artikolu 5 għall-parametri mniżżla fil-Partijiet A u B tal-Anness I:
 - (a) fil-każ ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ipprovdut minn network ta' distribuzzjoni, fil-punt, f'post jew fi stabbiliment, li minnu l-ilma joħroġ mill-viti li huma normalment użati għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;
 - (b) fil-każ ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ipprovdut minn bawżer, fil-punt fejn l-ilma joħroġ mill-bawżer;
 - (c) fil-każ ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem imqiegħed fi fliexken jew f'kontenituri, fil-punt fejn l-ilma jitqiegħed fil-fliexken jew fil-kontenituri;
 - (d) fil-każ ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem użat f'negozju tal-ikel, fil-punt li fih l-ilma jintuża f'dak in-negozju.
2. Fil-każ ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kopert mill-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jitqiesu li ssodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan l-Artikolu u skont l-Artikolu 4 u l-Artikolu 14(2) fejn jista' jkun stabbilit li nuqqas ta' konformità mal-valuri parametriċi stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 5 jirriżulta mis-sistema ta' distribuzzjoni domestika jew mill-manutenzjoni, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10 fir-rigward ta' postijiet ta' prijorità.

3. Fejn japplika l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u jkun hemm riskju li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kopert mill-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jikkonformax mal-valuri parametriċi stabbiliti skont l-Artikolu 5, l-Istati Membri xorta waħda għandhom jiżguraw li:
- (a) jittieħdu miżuri xierqa biex inaqqsu jew jeliminaw ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri parametriċi, bħal pereżempju billi jagħtu pariri lis-sidien ta' proprjetà dwar kwalunkwe azzjoni korrettiva possibbli li dawn ikunu jistgħu jieħdu, u jekk meħtieġ li jittieħdu miżuri oħra, bħal pereżempju tekniki xierqa ta' trattament, biex jitbiddlu n-natura jew il-proprjetajiet tal-ilma qabel ma dan ikun fornut sabiex jitnaqqas jew jiġi eliminat ir-riskju li l-ilma ma jkunx konformi mal-valuri parametriċi wara l-provvista; u
 - (b) il-konsumaturi konċernati ikunu mgħarrfa debitament u iggwidati dwar kwalunkwe azzjoni korrettiva possibbli li għandhom jieħdu.

Artikolu 7

L-approċċ ibbażat fuq ir-riskju għas-sigurtà tal-ilma

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-provvista, it-trattament u d-distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem huma soġġetti għal approċċ ibbażat fuq ir-riskju li jkopri l-katina kollha tal-provvista miż-żona ta' wesgħa, l-astrazzjoni, it-trattament, il-ħżin u d-distribuzzjoni tal-ilma sal-punt ta' konformità speċifikat fl-Artikolu 6.

L-approċ ibbażat fuq ir-riskju għandu jinvolti l-elementi li ġejjin:

- (a) valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju taż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem f'konformità mal-Artikolu 8;
- (b) valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju għal kull sistema tal-provvista li tinkludi l-astrazzjoni, it-trattament, il-ħżin u d-distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem sal-punt ta' provvista mwettqa mill-fornituri tal-ilma f'konformità mal-Artikolu 9; u
- (c) valutazzjoni tar-riskju għas-sistemi ta' distribuzzjoni domestika, f'konformità mal-Artikolu 10.

- 2. L-Istati Membri jistgħu jadattaw l-implimentazzjoni tal-approċ ibbażat fuq ir-riskju, mingħajr ma jikkompromettu l-oġettiv ta' din id-Direttiva rigward il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u s-saħħa tal-konsumaturi, meta jkun hemm limitazzjonijiet partikolari minħabba ċirkostanzi ġeografiċi bħalma huma l-periferiċità jew l-aċċessibbiltà limitata taż-żona tal-provvista tal-ilma.
- 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm distribuzzjoni ċara u xierqa tar-responsabbiltajiet bejn il-partijiet ikkonċernati, kif definit mill-Istati Membri, għall-implimentazzjoni tal-approċ ibbażat fuq ir-riskju. Tali distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet għandha titfassal skont il-qafas istituzzjonali u legali tagħhom.

4. Il-valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju taż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għandhom jitwettqu għall-ewwel darba sa ... [erba' snin u sitt xhur wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]. Dik il-valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju għandhom jiġu riveduti f'intervalli regolari mhux itwal minn sitt snin, b'kont meħud tar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2000/60/KE, u jiġu aġġornati skont kif meħtieġ.
5. Il-valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista għandhom jitwettqu għall-ewwel darba sa ... [sitt snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]. Dik il-valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju għandhom jiġu riveduti f'intervalli regolari mhux itwal minn sitt snin, u jiġu aġġornati kif meħtieġ.
6. Il-valutazzjoni tar-riskju tas-sistemi tad-distribuzzjoni domestika għandha titwettaq għall-ewwel darba sa ... [sitt snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]. Dik il-valutazzjoni tar-riskju għandha tiġi riveduta kull sitt snin, u għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ.
7. L-iskadenzi speċifikati fil-paragrafi 4, 5 u 6 ma għandhomx iżommu lill-Istati Membri milli jiżguraw li jittieħdu miżuri mill-iktar fis possibbli hekk kif jiġu identifikati u vvalutati r-riskji.

Artikolu 8

Valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju taż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 sa 8 tad-Direttiva 2000/60/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li titwettqu valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju taż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valutazzjoni tar-riskju jinkludi l-elementi li ġejjin:
 - (a) karatterizzazzjoni taż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni inkluż:
 - (i) l-identifikazzjoni u l-immappjar taż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni;
 - (ii) l-immappjar ta' żoni ta' salvagwardja fejn dawk iż-żoni jkunu ġew stabbiliti skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2000/60/KE;
 - (iii) referenzi ġeografiċi għall-punti kollha tal-astrazzjoni fiż-żoni ta' wesgħa; peress li dik id-data tista' tkun sensittiva, b'mod partikolari fil-kuntest tas-saħħa pubblika u tas-sigurtà pubblika, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali data tiġi protetta u kkomunikata biss lill-awtoritajiet rilevanti u lill-fornituri tal-ilma;
 - (iv) deskrizzjoni tal-użu tal-art, l-ilma tax-xeba', u l-proċessi ta' recharge fiż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni;

- (b) identifikazzjoni tal-perikli u l-avvenimenti perikolużi fiż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni u valutazzjoni tar-riskju li jistgħu jgħallu għall-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem; dik il-valutazzjoni għandha tivvaluta r-riskji possibbli li jistgħu jikkawżaw deterjorament tal-kwalità tal-ilma sal-punt li tista' tikkostitwixxi riskju għas-saħħa tal-bniedem;
- (c) monitoraġġ xieraq fl-ilma tal-wiċċ jew l-ilma ta' taħt l-art, jew it-tnejn, fiż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni jew l-ilma mhux trattat ta' parametri, sustanzi jew sustanzi niġġiesa rilevanti magħżula minn dan li ġej:
 - (i) parametri fil-Partijiet A u B tal-Anness I jew stabbiliti skont l-Artikolu 5(3) ta' din id-Direttiva;
 - (ii) sustanzi niġġiesa fl-ilma ta' taħt l-art fl-Anness I għad-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, u sustanzi niġġiesa u indikaturi tat-tniġġis li għalihom il-valuri ta' limitu ġew stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Anness II għal dik id-Direttiva;
 - (iii) sustanzi ta' prijorità u ċerti sustanzi niġġiesa oħrajn fl-Anness I għad-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²;

¹ Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19).

² Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).

- (iv) sustanzi niġġiesa speċifiċi tal-baċiri tax-xmajjar stabbiliti mill-Istati Membri skont id-Direttiva 2000/60/KE;
- (v) sustanzi niġġiesa oħra rilevanti għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem stabbiliti mill-Istati Membri fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura skont il-punt (b) ta' dan is-subparagrafu;
- (vi) sustanzi li jsejtnu b'mod naturali li jistgħu jikkostitwixxu riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem permezz tal-użu tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;
- (vii) sustanzi u komposti inklużi fil-lista ta' sorveljanza kif stabbilita f'konformità mal-Artikolu 13(8) ta' din id-Direttiva.

Għall-għanijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jużaw l-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikoli 5 u 7 tad-Direttiva 2000/60/KE.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mir-reviżjoni tal-impatt tal-attività tal-bniedem imwettqa skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/60/KE u mill-informazzjoni jew pressjonijiet sinifikanti miġbura f'konformità mal-punti 1.4, 1.5 u 2.3 sa 2.5 tal-Anness II għal dik id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom jagħżlu minn fost il-punti (c)(i) sa (c) (vii) tal-ewwel subparagrafu l-parametri, is-sustanzi jew is-sustanzi niġġiesa li huma kkunsidrati bħala rilevanti għall-monitoraġġ fid-dawl tal-perikli u l-avvenimenti perikolużi identifikati skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu jew fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-fornituri tal-ilma skont il-paragrafu 3.

Għall-fini ta' monitoraġġ tajjeb kif imsemmi fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, inkluż biex jinqabdu sustanzi ġodda dannużi għas-saħħa tal-bniedem permezz tal-użu tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-monitoraġġ imwettaq skont l-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 2000/60/KE jew leġislazzjoni oħra tal-Unjoni u rilevanti għaż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni.

3. Fornituri tal-ilma li jwettqu monitoraġġ fiż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni jew fl-ilma mhux trattat għandhom ikunu meħtieġa jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti bix-xejriet ta', u l-għadd ta' konċentrazzjonijiet mhux tas-soltu ta', parametri, sustanzi jew sustanzi niġġiesa monitorjati.
4. Fuq il-bażi tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju li ġejjin biex jipprevjenu jew jikkontrollaw ir-riskji identifikati kif rilevanti li jibdew mill-miżuri ta' prevenzjoni:
 - (a) id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni fiż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni b'żieda mal-miżuri previsti jew meħuda skont il-punt (d) tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2000/60/KE, fejn meħtieġ biex tiġi salvagwardata l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem; fejn xieraq, dawk il-miżuri ta' prevenzjoni għandhom jiġu inklużi fil-programmi ta' miżuri msemmija fl-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva; Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk li jniġġsu, f'kooperazzjoni mal-fornituri tal-ilma u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, jieħdu tali miżuri ta' prevenzjoni skont id-Direttiva 2000/60/KE;

- (b) id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni fiż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni b'żieda mal-miżuri previsti jew meħuda skont il-punt (d) tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2000/60/KE, fejn meħtieġ biex tiġi salvagwardata l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem; fejn xieraq, dawk il-miżuri ta' mitigazzjoni għandhom jiġu inklużi fil-programmi ta' miżuri msemmija fl-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva ; Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk li jniġġsu, f'kooperazzjoni mal-fornituri tal-ilma u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, jieħu tali miżuri ta' mitigazzjoni skont id-Direttiva 2000/60/KE;
- (c) l-iżgurar tal-monitoraġġ xieraq ta' parametri, sustanzi jew sustanzi niġġiesa fl-ilma tal-wiċċ jew tal-qiegħ, jew it-tnejn, fiż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni jew fl-ilma mhux trattat, li jistgħu jikkostitwixxu riskju għas-saħħa tal-bniedem bil-konsum tal-ilma jew iwasslu għal deterjorament mhux aċċettabbli fil-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u li ma ġewx ikkunsidrati fil-monitoraġġ imwettaq skont l-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 2000/60/KE; fejn xieraq, dan il-monitoraġġ għandu jiġi inkluż fil-programmi ta' monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 8 ta' dik id-Direttiva;
- (d) evalwazzjoni tal-ħtieġa ta' ħolqien jew adattament taż-żoni ta' salvagwardja għall-ilma ta' taħt l-art u l-ilma tal-wiċċ, kif imsemmi fl-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2000/60/KE, u kwalunkwe żona rilevanti oħra.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-effettività ta' kwalunkwe miżura msemmija f'dan il-paragrafu tiġi rieżaminata f'intervalli xierqa.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-ilma u l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3. B'mod partikolari, il-fornituri tal-ilma rilevanti għandu jkollhom aċċess għar-risultati tal-monitoraġġ miksuba skont il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2.

Abbażi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3, l-Istati Membri jistgħu:

- (a) jesigū li l-fornituri tal-ilma jwettqu monitoraġġ jew trattament addizzjonali ta' ċerti parametri;
- (b) jippermettu lill-fornituri tal-ilma jnaqqsu l-frekwenza tal-monitoraġġ ta' parametru, jew ineħħu parametru mil-lista ta' parametri li għandhom jiġu mmonitorjati mill-fornituri tal-ilma skont il-punt (a) tal-Artikolu 13(2), mingħajr ma jkunu meħtieġa jwettqu valutazzjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista, dment li:
 - (i) il-parametru ma jkunx parametru ewlieni fit-tifsira tal-punt 1 tal-Parti B, tal-Anness II, u
 - (ii) ebda fattur li jista' jiġi antiċipat raġonevolment ma huwa mistenni jikkawża deterjorament tal-kwalità ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

6. Fejn fornitur tal-ilma jitħalla jnaqqas il-frekwenza tal-monitoraġġ ta' parametru jew ineħħi parametru mil-lista ta' parametri li għandhom jiġu mmonitorjati, kif imsemmi fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 5, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitwettaq monitoraġġ xieraq ta' dawk il-parametri meta jirrevedu l-valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju taż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni, skont l-Artikolu 7(4).

Artikolu 9

Valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju tas-sistema ta' provvista

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitwettqu valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju tas-sistema ta' provvista mill-fornitur tal-ilma.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valutazzjoni tar-riskju tas-sistema ta' provvista:
 - (a) tqis ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju taż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 8;
 - (b) tinkludi deskrizzjoni tas-sistema tal-provvista mill-punt tal-astrazzjoni, it-trattament, il-ħżin u d-distribuzzjoni tal-ilma sal-punt tal-provvista; u
 - (c) tidentifika l-perikli u l-avvenimenti perikolużi fis-sistema tal-provvista u tinkludi valutazzjoni tar-riskji li jistgħu jkollhom għas-saħħa tal-bniedem permezz tal-użu tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, b'kont meħud tar-riskji minħabba t-tibdil fil-klima, nixxijiet u pajpijiet li jnixxu.

3. Abbażi tar-riżultat tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju li ġejjin:
- (a) jiddefinixxu u jimplimentaw miżuri ta' kontroll għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji identifikati fis-sistema tal-provvista li jistgħu jikkompromettu l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;
 - (b) jiddefinixxu u jimplimentaw miżuri ta' kontroll fis-sistema tal-provvista b'żieda mal-miżuri previsti jew meħuda skont l-Artikolu 8(4) ta' din id-Direttiva jew l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2000/60/KE għall-mitigazzjoni tar-riskji li jkunu ġejjin miż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni li jistgħu jikkompromettu l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;
 - (c) jimplimentaw programm ta' monitoraġġ operazzjonali speċifiku għall-provvista skont l-Artikolu 13;
 - (d) jiżguraw li, fejn id-diżinfezzjoni hi parti mill-preparazzjoni jew id-distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, l-effiċjenza tat-trattament tad-diżinfezzjoni hi validata, li kwalunkwe kontaminazzjoni minn sustanzi prodotti mill-istess diżinfezzjoni tinżamm baxxa kemm jista' jkun mingħajr ma tikkomprometti d-diżinfezzjoni, li kwalunkwe kontaminazzjoni minn sustanzi kimiċi għat-trattament tinżamm baxxa kemm jista' jkun u li kwalunkwe sustanzi li jifdal fl-ilma ma jikkompromettux s-sodisfar tal-obbligi ġenerali stipulati fl-Artikolu 4;

- (e) jivverifikaw li l-materjali, is-sustanzi kimiċi għat-trattament u l-mezzi ta' filtrazzjoni li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem użati fis-sistema tal-provvista jkunu konformi ma l-Artikoli 11 u 12.

4. Fuq il-bażi tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista mwettqa skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom:

- (a) jippermettu l-possibbiltà li jnaqqsu l-frekwenza tal-monitoraġġ ta' parametru, jew li ijneħħu parametru mil-lista ta' parametri li għandhom jiġu mmonitorjati, ħliet għall-parametri ewlenin msemmija fil-punt 1 tal-Parti B tal-Anness II, jekk l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li jekk isir hekk ma jikkompromettix il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem:
 - (i) fuq il-bażi tal-okkorrenza ta' parametru fl-ilma mhux trattat, skont il-valutazzjoni tar-riskju taż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 8(1) u (2);
 - (ii) meta parametru jista' jokkorri biss bħala riżultat tal-użu ta' ċerta teknika ta' trattament jew ċertu metodu ta' diżinfekzzjoni, u dik it-teknika jew metodu ma jintużax mill-fornitur tal-ilma; jew
 - (iii) fuq il-bażi tal-ispeċifikazzjonijiet stipulati fil-Parti C tal-Anness II;

- (b) jiżguraw li l-lista ta' parametri li għandhom jiġu mmonitorjati fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem skont l-Artikolu 13 tiġi estiża jew li l-frekwenza tal-monitoraġġ tiżdied:
- (i) fuq il-bażi tal-okkorrenza ta' parametru fl-ilma mhux trattat, skont il-valutazzjoni tar-riskju taż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 8(1) u (2); jew
 - (ii) fuq il-bażi tal-ispeċifikazzjonijiet stipulati fil-Parti C tal-Anness II;
5. Il-valutazzjoni tar-riskju tas-sistema ta' provvista għandha tikkonċerna l-parametri elenkati fil-Partijiet A, B u C tal-Anness I, parametri stabbiliti skont l-Artikolu 5(3) u sustanzi jew komposti inklużi fil-lista ta' sorveljanza stabbilita skont l-Artikolu 13(8).
6. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-fornituri tal-ilma li jforu bejn 10 u 100 m³ kuljum bħala medja jew li jservu bejn 50 u 500 persuna mir-rekwiżit li jwettqu valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista, dment li l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li tali eżenzjoni ma tikkompromettix il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

Fil-każ ta' tali eżenzjoni, il-fornituri tal-ilma eżentati għandhom iwettqu monitoraġġ regolari skont l-Artikolu 13.

Artikolu 10

Valutazzjoni tar-riskju tas-sistemi ta' distribuzzjoni domestika

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li titwettaq valutazzjoni tar-riskju tas-sistemi ta' distribuzzjoni domestika. Dik il-valutazzjoni tar-riskju għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:
 - (a) analiżi ġenerali tar-riskji potenzjali assoċjati mas-sistemi ta' distribuzzjoni domestika, u mal-prodotti u l-materjali relatati, u jekk dawk ir-riskji potenzjali jaffettwawx il-kwalità tal-ilma fil-punt fejn joħroġ mill-viti li normalment jintużaw għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem; din l-analiżi ġenerali ma għandhiex tinvolvi analiżi ta' proprjetajiet individwali; u
 - (b) monitoraġġ tal-parametri elenkati fil-Parti D tal-Anness I fpostijiet fejn ikunu ġew identifikati riskji speċifiċi għall-kwalità tal-ilma u għas-saħħa tal-bniedem matul l-analiżi ġenerali mwettqa skont il-punt (a).

F'dak li jirrigwarda l-*Legionella* jew iċ-ċomb, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiffukaw il-monitoraġġ imsemmi fil-punt (b) tal-ewwwel subparagrafu fuq postijiet ta' prijetà.

2. Meta l-Istati Membri jikkonkludu, abbażi tal-analiżi ġenerali mwettqa skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu paragrafu 1), li hemm riskju għas-saħħa tal-bniedem li tirriżulta minn sistemi ta' distribuzzjoni domestika jew mill-prodotti u l-materjali relatati, jew meta l-monitoraġġ imwettaq skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 juri li l-valuri parametriċi stabbiliti fil-Parti D tal-Anness I ma jkunux ġew issodisfati, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa sabiex jiġi eliminat jew jitnaqqas ir-riskju ta' nonkonformità mal-valuri parametriċi stabbiliti fil-Parti D tal-Anness I.

Fir-rigward tal-*Legionella*, dawk il-miżuri għandhom jindirizzaw mill-inqas postijiet ta' prijorità.

3. Sabiex jitnaqqsu r-riskji marbuta mad-distribuzzjoni domestika fis-sistemi kollha ta' distribuzzjoni domestika, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu kkunsidrati l-miżuri kollha li ġejjin u li jittieħdu dawk il-miżuri meqjusa rilevanti:
- (a) iħeġġu lis-sidien tal-postijiet pubbliċi u privati jwettqu valutazzjoni tar-riskju tas-sistema ta' distribuzzjoni domestika;
 - (b) jinfurmaw lill-konsumaturi u lis-sidien tal-postijiet pubbliċi u privati dwar il-miżuri li għandhom l-għan li jeliminaw jew inaqqsu r-riskju tan-nuqqas ta' konformità mal-istandards tal-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem minħabba s-sistema ta' distribuzzjoni domestika;
 - (c) jagħtu pariri lill-konsumaturi dwar il-kundizzjonijiet tal-konsum u l-użu ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, u dwar azzjoni possibbli biex jiġi evitat ir-rikorrenza ta' dawk ir-riskji;

- (d) jippromwovu taħriġ għall-plumbers u għal professjonisti oħra involuti fis-sistemi ta' distribuzzjoni domestika u fl-installazzjoni ta' materjali u prodotti għall-bini li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;
- (e) fir-rigward tal-*Legionella*, jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri ta' kontroll u ġestjoni effettivi u proporzjonati għar-riskju sabiex jiġu evitati u indirizzati okkorrenzi possibbli ta' tifqigħat tal-marda; u
- (f) fir-rigward taċ-ċomb, jekk ikun ekonomikament u teknikament fattibbli, jimplimentaw miżuri għas-sostituzzjoni tal-komponenti magħmula miċ-ċomb fis-sistemi ta' distribuzzjoni domestika eżistenti.

Artikolu 11

Rekwiżiti minimi tal-iġjene għal materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 4, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-materjali li huma maħsuba biex jintużaw f'installazzjonijiet ġodda jew, fil-każ ta' xogħlijiet ta' tiswija jew rikostruzzjoni, f'installazzjonijiet eżistenti għall-astrazzjoni, it-trattament, il-ħżin jew id-distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u li jiġu f'kuntatt ma' ilma bħal dan:
 - (a) ma jikkompromettux direttament jew indirettament il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem kif prevista minn din id-Direttiva;
 - (b) ma jaffettwawx b'mod negattiv il-kulur, ir-riħa jew it-togħma tal-ilma;

- (c) ma jżidux it-tkabbir tal-mikrobi;
- (d) ma jhollux kontaminanti fl-ilma f'livelli li huma ogħla milli meħtieġ fid-dawl tal-għan maħsub tal-materjal.

2. Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi speċifiċi tal-iġjene għall-materjali li jiġu f'kontatt ma' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem abbażi tal-prinċipji stipulati fl-Anness V. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jistabbilixxu:

- (a) sa ... [tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-metodoloġiji għall-ittestjar u l-aċċettazzjoni ta' sustanzi inizjali, kompożizzjonijiet u kostitwenti li jridu jiddaħħlu f'listi pożittivi Ewropej ta' sustanzi inizjali, kompożizzjonijiet jew kostitwenti, inkluż limiti speċifiċi ta' migrazzjoni u prekondizzjonijiet xjentifiċi relatati mas-sustanzi jew il-materjali;
- (b) sa ... [erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], abbażi tal-listi li jinkludu d-dati ta' skadenza miġbura mill-ECHA, listi pożittivi Ewropej ta' sustanzi inizjali, kompożizzjonijiet jew kostitwenti għal kull grupp ta' materjali, jiġifieri materjal organiku, tas-siment, metalliku, enamel u taċ-ċeramika jew materjal inorganiku ieħor, li huma awtorizzati għall-użu fil-manifattura ta' materjali jew prodotti f'kontatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, inkluż, fejn xieraq, il-kondizzjonijiet għall-użu tagħhom u l-limiti ta' migrazzjoni, li jridu jkunu iddeterminati fuq il-bażi tal-metodoloġiji adottati skont il-punt (a) ta' dan is-subparagrafu, u b'kont meħud tal-paragrafi 3 u 4;

- (c) sa ... [tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], proċeduri u metodi minn materjali jew kombinazzjonijiet ta' sustanzi inizjali, kompożizzjonijiet jew kostitwenti fuq il-listi pożittivi Ewropej, inkluż:
- (i) l-identifikazzjoni tas-sustanzi rilevanti u parametri oħra, bħat-turbidità, it-togħma, ir-riħa, il-kulur, il-karbonju organiku totali, ir-rilaxx ta' sustanzi mhux mistennija u t-tisħiħ ta' tkabbir tal-mikrobi, li jridu jiġu ttestjati fl-ilma ta' migrazzjoni;
 - (ii) metodi għall-ittestjar tal-effetti fuq il-kwalità tal-ilma, b'kont meħud ta' kwalunkwe standards Ewropej rilevanti;
 - (iii) kriterji ta' suċċess jew falliment għar-riżultati tat-test, li jqisu, fost oħrajn, fatturi ta' konverżjoni għall-migrazzjoni ta' sustanzi f'livelli stmati mal-vit, u l-kondizzjonijiet ta' applikazzjoni jew użu, fejn xieraq.

L-atti ta' implimentazzjoni previsti f'dan il-paragrafu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmi fl-Artikolu 22.

3. L-ewwel listi pożittivi Ewropej li jiġu adottati skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 għandhom ikunu bbażati, fost oħrajn, fuq listi pożittivi nazzjonali eżistenti, dispożizzjonijiet nazzjonali eżistenti oħra u fuq il-valutazzjonijiet tar-riskju li wasslu għall-ħolqien ta' tali listi nazzjonali. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-ECHA dwar kwalunkwe lista nazzjonali pożittiva eżistenti, dispożizzjonijiet oħra u dokumenti) ta' valutazzjoni disponibbli sa ... [sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Il-lista pożittiva Ewropea ta' sustanzi inizjali għal materjali organiċi għandha tqis il-lista stabbilita mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004.

4. Il-listi pożittivi Ewropej għandu jkun fihom l-uniċi sustanzi inizjali, kompożizzjonijiet jew kostitwenti awtorizzati għall-użu kif imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 .

Il-listi pożittivi Ewropej għandhom jinkludu dati ta' skadenza stabbiliti fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni mill-ECHA. Id-dati tal-iskadenza għandhom jiġu stabbiliti b'mod partikolari fuq il-bażi tal-karatteristiċi perikolużi tas-sustanzi, il-kwalità tal-valutazzjonijiet tar-riskju sottostanti, u kemm dawk il-valutazzjonijiet tar-riskju huma aġġornati. Il-listi pożittivi Ewropej jista' jkun fihom ukoll dispożizzjonijiet tranżitorji.

Abbażi tal-opinjoni mill-ECHA kif imsemmi fil-paragrafu 6, il-Kummissjoni għandha tirrevedi u taġġorna regolarment, fejn meħtieġ, l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, b'konformità mal-aħħar żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi.

L-ewwel reviżjoni għandha titlesta sa 15-il sena wara l-adozzjoni tal-ewwel lista pożittiva Ewropea.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li kwalunkwe att rilevanti jew mandati ta' standardizzazzjoni, li tadotta skont leġislazzjoni oħra tal-Unjoni jkun konsistenti ma' din id-Direttiva.

5. Għall-għanijiet ta' inklużjoni fil-listi pożittivi Ewropej jew it-tneħħija minnhom tas-sustanzi inizjali, tal-kompożizzjonijiet jew il-kostitwenti, l-operaturi ekonomiċi jew awtoritajiet rilevanti għandhom jippreżentaw applikazzjonijiet lill-ECHA.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 21, sabiex tissupplimenta din id-Direttiva, billi tistabbilixxi proċedura, li tinkludi r-rekwiżiti għall-informazzjoni, dwar il-proċess tal-applikazzjoni. Il-proċedura għandha tiżgura li mal-applikazzjonijiet ikun hemm valutazzjonijiet tar-riskju u li l-operaturi ekonomiċi jew l-awtoritajiet rilevanti jagħtu l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tar-riskju f'format speċifiku.

6. Il-Kumitat tal-Istima tar-Riskji tal-ECHA stabbilit skont il-punt (c) tal-Artikolu 76(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għandu joħroġ opinjoni dwar kwalunkwe applikazzjoni ppreżentata skont il-paragrafu 5 f'limitu ta' żmien li jiġi stabbilit fl-atti delegati msemmija f'dak il-paragrafu. Aktar dispożizzjonijiet proċedurali dwar il-proċess tal-applikazzjoni u dwar il-ħruġ ta' opinjonijiet mill-Kumitat tal-Istima tar-Riskji tal-ECHA, jistgħu jiġu inklużi wkoll f'dawk l-atti delegati.

7. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li prodotti approvati f'konformità ma' rekwiżiti minimi speċifiċi tal-iġjene pprovdu fil-paragrafi 2 jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li huma biss prodotti bħal dawn li jiġu f'kontatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li jużaw materjali approvati skont din id-Direttiva li jistgħu jiġu kkummerċjalizzati għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

Dan ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri, b'mod partikolari meta l-kwalità speċifika tal-ilma lokali mhux ittrattat titlob hekk, milli jadottaw miżuri protettivi aktar stretti għall-użu ta' materjali finali f'ċirkostanzi speċifiċi jew debitament ġustifikati, skont l-Artikolu 193 TFUE. Dawn il-miżuri għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni.

Ir-Regolament (UE) 2019/1020 għandu japplika għall-prodotti koperti minn dan l-Artikolu.

8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 21, sabiex tissupplimenta din id-Direttiva, billi tiddetermina l-proċedura xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità applikabbli għall-prodotti koperti minn dan l-Artikolu abbażi tal-moduli fl-Anness II għad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Fid-determinazzjoni ta' liema proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità għandha tintuża, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-konformità mal-oġettivi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' din id-Direttiva, filwaqt li tqis il-prinċipju tal-proporzjonalità. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tieħu bħala punt ta' tluq is-Sistema 1+ ta' valutazzjoni u verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni stabbilita fl-Anness V għar-Regolament (UE) Nru 305/2011, jew proċedura ġeneralment ekwivalenti, ħlief fejn dan ikun sproporzjonat. L-atti delegati msemmija f'dan il-paragrafu għandu jkun fihom ukoll regoli għan-nominazzjoni ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, fejn dawn ikunu involuti fil-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rispettivi.

¹ Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

9. Sakemm jiġu adottati l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jżommu jew jadottaw miżuri nazzjonali dwar rekwiżiti minimi speċifiċi ta' iġjene għall-materjali msemmija fil-paragrafu 1, sakemm dawk il-miżuri ikunu jikkonformaw mar-regoli tat-TFUE.
10. Il-Kummissjoni għandha titlob lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew iktar biex tabbozza standard Ewropew għall-ittestjar u l-valutazzjoni uniformi tal-prodotti li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità ma' dan l-Artikolu.
11. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 21 sabiex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet armonizzati għal immarkar li jidher, jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx li għandu jintuża sabiex jindika li prodotti li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem huma f'konformità ma' dan l-Artikolu.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

12. Mhux aktar tard minn ... [disa' snin wara d-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-funzjonament tas-sistema kif stabbilit f'dan l-Artikolu u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, ibbażat b'mod partikolari fuq l-esperjenza miksuba permezz tal-applikazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 1935/2004 u (UE) Nru 305/2011, li jivvaluta jekk:
- (a) is-saħħa tal-bniedem fir-rigward tal-kwistjonijiet koperti minn dan l-Artikolu hijiex protetta b'mod adegwat fl-Unjoni kollha;
 - (b) is-suq intern għall-prodotti li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem huwiex qed jaħdem sew;
 - (c) hemmx htiġa għal proposta leġislattiva oħra dwar il-kwistjonijiet koperti minn dan l-Artikolu.

Artikolu 12

*Rekwiżiti minimi għas-sustanzi kimiċi għat-trattament u l-mezzi ta' filtrazzjoni
li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem*

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 4, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sustanzi kimiċi għat-trattament u l-mezzi ta' filtrazzjoni li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem:
- (a) ma jikkompromettux direttament jew indirettament il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem kif prevista minn din id-Direttiva;

- (b) ma jaffettwawx b'mod negattiv il-kulur, ir-riħa jew it-togħma tal-ilma;
 - (c) ma jżidux it-tkabbir ta' mikrobi mhux intenzjonalment;
 - (d) ma jikkontaminawx l-ilma f'livelli li huma ogħla milli meħtieġ fid-dawl tal-għan maħsub.
2. Għall-implimentazzjoni nazzjonali tar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 4(2) għandu japplika kif meħtieġ.
 3. Skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u bl-użu ta' standards Ewropej rilevanti għal sustanzi kimiċi għat-trattament jew mezzi ta' filtrazzjoni speċifiċi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-purità tas-sustanzi kimiċi għat-trattament u l-mezzi ta' filtrazzjoni tkun vvalutata u l-kwalità ta' tali sustanzi kimiċi u mezzi ta' filtrazzjoni tkun garantita.

Artikolu 13

Monitoraġġ

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jsir monitoraġġ regolari tal-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem f'konformità ma' dan l-Artikolu u l-Partijiet A u B tal-Anness II, biex jaraw li l-ilma disponibbli għall-konsumaturi jissodisfa r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u partikolarment il-valuri parametriċi dikjarati skont l-Artikolu 5. Għandhom jittieħdu kampjuni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem biex ikunu rappreżentattivi tal-kwalità tiegħu matul is-sena.

2. Biex jiġu ssodisfati l-obbligi imposti fil-paragrafu 1, għandhom jiġu stabbiliti programmi xierqa ta' monitoraġġ skont il-Parti A tal-Anness II għall-ilma kollu maħsub għall-konsum mill-bniedem. Dawk il-programmi ta' monitoraġġ għandhom ikunu speċifiċi għall-provvista, b'kont meħud tal-eżiti tal-valutazzjoni tar-riskju taż-żoni ta' wesgħa għal-punti ta' astrazzjoni u tas-sistemi tal-provvista, u għandhom jikkonsistu mill-elementi li ġejjin:
- (a) il-monitoraġġ tal-parametri elenkati fil-Partijiet A, B u C tal-Anness I, u tal-parametri stabbiliti skont l-Artikolu 5(3), skont l-Anness II, u, meta titwettaq valutazzjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista, skont l-Artikolu 9 u l-Parti C tal-Anness II, sakemm Stat Membru ma jiddeċidix li wieħed minn dawk il-parametri jista' jitneħħa, skont il-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(5) jew il-punt (a) tal-Artikolu 9(4), mil-lista tal-parametri li jridu jiġu mmonitorjati;
 - (b) il-monitoraġġ tal-parametri elenkati fil-Parti D tal-Anness I, għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-riskju tas-sistemi ta' distribuzzjoni domestika, kif previst fil-punt (b) tal-Artikolu 10(1);
 - (c) il-monitoraġġ tas-sustanzi u l-komposti inklużi fil-lista ta' sorveljanza, skont il-ħames subparagrafu tal-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu;
 - (d) il-monitoraġġ, għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-perikli u l-avvenimenti perikolużi, kif previst fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(2);
 - (e) il-monitoraġġ operazzjonali mwettaq skont il-punt 3 tal-Parti A tal-Anness II.

3. Il-punti li minnhom jittieħdu l-kampjuni għandhom jiġu determinati mill-awtoritajiet kompetenti u għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti stipulati fil-Parti D tal-Anness II.
4. L-Istati Membri għandhom ikunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet għall-analiżi tal-parametri mniżżla fl-Anness III, skont il-prinċipji li ġejjin:
 - (a) jistgħu jintużaw metodi ta' analiżi li mhumiex dawk speċifikati fil-Parti A tal-Anness III sakemm ikun jista' jintwera li r-riżultati miksuba jkunu affidabbli mill-inqas daqs dawk miksuba bil-metodi speċifikati fil-Parti A tal-Anness III, billi l-Kummissjoni tiġi pprovduta bit-tagħrif rilevanti kollu dwar dawn il-metodi u l-ekwivalenza tagħhom;
 - (b) għall-parametri mniżżla fil-Parti B tal-Anness III, jista' jintuża kwalunkwe metodu ta' analiżi sakemm dan jissodisfa r-rekwiżiti dikjarati fihom.
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir monitoraġġ żejjed, skont il-każ, fuq sustanzi u mikroorganiżmi li għalihom ma kien stabbilit l-ebda valur parametrik skont l-Artikolu 5, jekk hemm raġuni biex wieħed jaħseb li dawn jistgħu jkunu preżenti f'numri jew konċentrazzjonijiet li jikkostitwixxu periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem.
6. Sa ... [tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 21 sabiex tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta metodoloġija għall-kejl tal-mikroplastiki bil-ħsieb li tinkludihom fil-lista ta' sorveljanza msemmija fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu hekk kif il-kundizzjonijiet stipulati f'dak il-paragrafu jkunu ssodisfati.

7. Sa ... [tlit snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida tekniċi rigward il-metodi ta' analiżi għall-monitoraġġ tas-sustanzi tal-per- u l-polifloroalkil skont il-parametri "PFAS totali" u t-"Total tal-PFAS", inkluż il-limiti ta' detezzjoni, il-valuri parametriċi u l-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni.
8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni u taġġorna lista ta' sorveljanza li tindirizza s-sustanzi jew il-komposti li jholqu tħassib fil-pubbliku jew fil-komunità xjentifika għal raġunijiet ta' saħħa ("il-lista ta' sorveljanza"), bħas-sustanzi farmaċewtiċi, komposti li jfixxlu s-sistema endokrinali u l-mikroplastiki.

Is-sustanzi u l-komposti għandhom jiżiedu mal-lista ta' sorveljanza meta x'aktarx ikunu preżenti fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u jistgħu jkunu ta' riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tuża b'mod partikolari r-riċerka xjentifika tad-WHO. Iż-żieda ta' kwalunkwe sustanza jew kompost għdid għandha tkun debitament ġustifikata skont l-Artikoli 1 u 4.

Il-Beta-estradjol u n-Nonilfenol għandhom jiġu inklużi fl-ewwel lista ta' sorveljanza minħabba l-karatteristiċi tagħhom li jfixxlu s-sistema endokrinali u r-riskju tagħhom għas-saħħa tal-bniedem. L-ewwel lista ta' sorveljanza għandha tiġi stabbilita sa [sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Il-lista ta' sorveljanza għandha tindika valur ta' gwida għal kull sustanza jew kompost u fejn meħtieġ metodu possibbli ta' analiżi li ma jinvolvix spejjeż eċċessivi.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu rekwiżiti ta' monitoraġġ fir-rigward tal-preżenza potenzjali tas-sustanzi jew il-komposti li huma inklużi fil-lista ta' sorveljanza, f'punti rilevanti tal-katina tal-provvista tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-informazzjoni miġbura skont l-Artikolu 8(1), (2) u (3) ta' din id-Direttiva u jistgħu jużaw id-data tal-monitoraġġ miġbura skont id-Direttivi 2000/60/KE u 2008/105/KE, jew leġislazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' monitoraġġ.

Ir-risultati tal-monitoraġġ għandhom jiġu inklużi fis-settijiet tad-data, stabbiliti skont il-punt (b) tal-Artikolu 18(1), flimkien mar-risultati tal-monitoraġġ imwettaq skont il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1).

Fejn jinstab, skont l-Artikolu 8(2) jew skont il-ħames subparagrafu ta' dan il-paragrafu, li sustanza jew kompost ikun f'konċentrazzjonijiet li jaqbżu l-valuri ta' gwida stabbiliti fil-lista ta' sorveljanza, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu kkunsidrati l-miżuri li ġejjin u li jittieħdu dawk il-miżuri kollha meqjusa rilevanti:

- (a) miżuri preventivi, miżuri ta' mitigazzjoni jew monitoraġġ xieraq fiż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni jew fl-ilma mhux trattat kif stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(4);
- (b) rekwiżit fuq il-fornituri tal-ilma li jwettqu monitoraġġ ta' dawk is-sustanzi jew komposti, f'konformità mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(5);

- (c) rekwiżit fuq il-fornituri tal-ilma biex jivverifikaw jekk it-trattament ikunx adegwat biex jintlaħaq il-valur ta' gwida jew, fejn meħtieġ, jottimizzaw it-trattament; u
- (d) azzjonijiet ta' rimedju skont l-Artikolu 14(6) fejn l-Istati Membri jqisu li dan ikun meħtieġ għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

L-atti ta' implimentazzjoni previsti f'dan il-paragrafu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22.

Artikolu 14

Azzjoni korrettiva u restrizzjonijiet tal-użu

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe każ li fih ma jintlaħqux il-valuri parametriċi stabbiliti skont l-Artikolu 5 ikun investigat mill-ewwel sabiex tiġi identifikata l-kawża.
2. Jekk, minkejja l-miżuri meħuda biex jintlaħqu l-obbligi imposti fl-Artikolu 4(1), l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ma' jilħaqx il-valuri parametriċi stabbiliti skont l-Artikolu 5, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(2), l-Istat Membru konċernat għandu jiżgura li tittieħed azzjoni korrettiva mill-iktar fis possibbli biex terġa' tintlaħaq il-kwalità ta' dak l-ilma u għandu jagħti prijetà lill-infurzar tiegħu, wara li jkunu kkunsidraw fost oħrajn b'kemm ikun inqabeż il-valur parametrik rilevanti u l-ħsara assoċjata li dan jista' jagħmel lis-saħħa tal-bniedem.

F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri parametriċi stipulati fil-Parti D tal-Anness I, l-azzjoni korrettiva għandha tinkludi l-miżuri stipulati fl-Artikolu 10(3).

3. Irrispettivament minn jekk ikunux ġew issodisfatti l-valuri parametriċi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe provvista ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li tista' tkun ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem tkun ipprojbata jew li l-użu ta' tali ilma jkun ristrett u li tittieħed kwalunkwe azzjoni oħra ta' rimedju meħtieġa għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem.

L-Istati Membri għandhom iqisu nuqqas li jkunu ssodisfatti r-rekwiżiti minimi tal-valuri parametriċi stabbiliti fil-partijiet A u B tal-Anness I bħala periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, ħlief meta l-awtorità kompetenti tqis li n-nuqqas ta' konformità mal-valur parametrik u jkun trivjali.

4. Fil-każijiet deskritti fil-paragrafi 2 u 3, meta n-nonkonformità mal-valuri parametriċi titqies bħala periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, l-Istati Membri għandhom, kemm jista' jkun malajr, jieħdu l-miżuri kollha li ġejjin:

- (a) jinnotifikaw lill-konsumaturi affettwati kollha dwar il-periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u dwar il-kawża tiegħu, dwar il-qbiż tal-valur parametrik u dwar l-azzjonijiet korrettivi meħuda, inkluż il-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni tal-użu jew azzjoni oħra;
- (b) jagħtu, u jaġġornaw b'mod regolari, il-pariri meħtieġa lill-konsumaturi dwar il-kundizzjonijiet tal-konsum u l-użu tal-ilma, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu gruppi tal-popolazzjoni b'riskji oġġla għas-saħħa marbuta mal-ilma; u
- (c) jinfurmaw lill-konsumaturi ladarba jiġi stabbilit li m'għadx hemm periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, u jgħarrfuhom li s-servizz reġa' lura għan-normal.

5. L-awtoritajiet kompetenti jew korpi oħra rilevanti għandhom jiddeċiedu x'azzjoni għandha tittieħed skont il-paragrafu 3, waqt li jżommu quddiem għajnejhom ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem li jinħolqu mit-twaqqif jew restrizzjoni fl-użu ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.
6. F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri parametriċi jew mal-ispeċifikazzjonijiet stipulati fil-Parti C tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw jekk dan in-nuqqas ta' konformità huwiex ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem. Huma għandhom jieħdu azzjoni korrettiva biex itejbu l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem meta dan ikun meħtieġ biex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem.

Artikolu 15

Derogi

1. F'ċirkostanzi debitament ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu derogi mill-valuri parametriċi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness I, jew skont l-Artikolu 5(3), sa valur massimu ddeterminat minnhom stess, dment li tali derogi ma jikkostitwuwx periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u dment li l-provvista tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fiż-żona kkonċernata ma tkunx tista' tinżamm b'mezzi raġonevoli oħra. Tali derogi għandhom ikunu limitati għal dan li ġej:
 - (a) żona ta' wesgħa ġdida għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;
 - (b) sors ġdid ta' tniġġis misjub fiż-żona ta' wesgħa għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jew parametri li jkunu għadhom kif ġew imfittxija jew identifikati; jew

- (c) sitwazzjoni imprevista u eċċezzjonali f'żona ta' wesgħa eżistenti għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li tista' twassal biex temporanjament il-valuri parametriċi jinqabżu b'mod limitat.

Id-derogi imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu limitati għall-iqsar perjodu possibbli u ma għandhomx idumu aktar minn tliet snin. Meta ż-żmien tad-deroga joqrob lejn tmiemu, l-Istati Membri għandhom iwettqu rieżami biex jiġi ddeterminat jekk sarx progress suffiċjenti.

F'ċirkostanzi eċċezzjonali, Stat Membru jista' jagħti t-tieni deroga fir-rigward tal-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu. Meta Stat Membru jkollu l-ħsieb li jagħti t-tieni deroga, dan għandu jikkomunika r-riżultati tar-rieżami, flimkien mar-raġunijiet li wassluh għad-deċiżjoni dwar it-tieni deroga, lill-Kummissjoni. Din it-tieni deroga ma għandhiex iddum aktar minn tliet snin.

2. Kwalunkwe deroga mogħtija skont il-paragrafu 1 għandha tispeċifika dan li ġej:

- (a) ir-raġunijiet għad-deroga;
- (b) il-parametru kkonċernat, ir-riżultati rilevanti ta' kontrolli li jkunu saru, u l-valur parametrik massimu permissibbli skont id-deroga;
- (c) iż-żona ġeografika, il-kwantità ta' ilma pprovdut kuljum, il-popolazzjoni kkonċernata u jekk ikunx ser jiġi affettwat kwalunkwe operatur tan-negozju tal-ikel rilevanti;

- (d) skema xierqa ta' kontroll, b'żieda fil-frekwenza ta' kontroll fejn meħtieġ;
- (e) deskrizzjoni fil-qosor tal-pjan għall-azzjoni korrettiva meħtieġa, li jinkludi skeda ta' żmien għax-xogħol u stima tal-ispejjeż u d-dispożizzjonijiet għar-reviżjoni; u
- (f) id-durata tad-deroga.

3. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jqisu li n-nuqqas ta' konformità mal-valur parametrikum jkun wieħed trivjali, u jekk azzjoni korrettiva meħhuda skont l-Artikolu 14(2) tkun biżżejjed biex tirrimedja l-problema fi żmien massimu ta' 30 jum, l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma hemmx bżonn li tiġi speċifikata fid-deroga.

F'dak il-każ, fid-deroga l-awtoritajiet kompetenti jew korpi rilevanti oħra għandhom jistabbilixxu biss il-valur massimu permissibbli għall-parametru kkonċernat u l-ħin allokat biex tkun rimedjata l-problema.

4. F'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe valur parametrikum għal provvista partikolari tal-ilma b'kolloxx f'iktar minn 30 jum fuq it-12-il xahar preċedenti, wieħed ma jistax jirrikorri aktar għall-paragrafu 3.

5. Kwalunkwe Stat Membru li jkun ta deroga kif previst f'dan l-Artikolu għandu jiżgura li l-popolazzjoni affettwata minn kwalunkwe deroga bħal din tiġi mgħarrfa minnufih b'mod xieraq b'dik id-deroga u l-kondizzjonijiet tagħha. Barra minn hekk, l-Istat Membru għandu, fejn meħtieġ, jiżgura li jingħata tagħrif xieraq lil gruppi partikolari fil-popolazzjoni li għalihom id-deroga tista' tkun ta' riskju speċjali.

L-obbligi msemija fl-ewwel subparagrafu ma għandhomx japplikaw fiċ-ċirkostanzi deskritti fil-paragrafu 3, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jiddeċidux mod ieħor.

6. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem imqiegħed fi fliexken jew kontenituri.

Artikolu 16

Aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9 tad-Direttiva 2000/60/KE u għall-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, filwaqt li jitqiesu l-perspettivi u ċ-ċirkostanzi lokali, reġjonali u kulturali għad-distribuzzjoni tal-ilma, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex itejbu jew iżommu l-aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għal kulħadd, b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli jew emarġinati, kif definiti mill-Istati Membri.

Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom:

- (a) jidentifikaw persuni mingħajr aċċess, jew b'aċċess limitat, għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, inkluż gruppi vulnerabbli u emarġinati, u r-raġunijiet għal tali nuqqas ta' aċċess;
- (b) jivvalutaw possibbiltajiet ta' titjib fl-aċċess għal tali persuni;

- (c) jinformaw tali persuni dwar il-possibbiltajiet għal konnessjoni man-network ta' distribuzzjoni jew dwar mezzi alternattivi biex ikollhom aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem; u
- (d) jieħdu miżuri li jqisu li huma meħtieġa u xierqa biex jiżguraw li jkun hemm aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għall-gruppi vulnerabbli u emarġinati.

2. Sabiex jippromwovu l-użu tal-ilma tal-vit maħsub għall-konsum mill-bniedem, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitqiegħed tagħmir fi spazji pubbliċi, kemm fil-beraħ kif ukoll fuq ġewwa, fejn ikun teknikament fattibbli, b'mod li jkun proporzjonat mal-ħtieġa ta' miżuri bħal dawn u waqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet speċifiċi lokali, bħall-klima u l-ġeografija.

L-Istati Membri jistgħu wkoll jieħdu l-miżuri li ġejjin biex jippromwovu l-użu tal-ilma tal-vit maħsub għall-konsum mill-bniedem:

- (a) jgħarrfu lill-pubbliku dwar l-eqreb tagħmir fil-beraħ jew fuq ġewwa;
- (b) iniedu kampanji biex iċ-ċittadini jkunu infurmati dwar il-kwalità ta' tali ilma;
- (c) iħeġġu l-forniment ta' dan l-ilma f'amministrazzjonijiet pubbliċi u bini pubbliku;
- (d) iħeġġu li dan l-ilma, jingħata b'xejn jew b'tariffa baxxa għas-servizz, għall-klijenti f'ristoranti, f'canteens u f'servizzi ta' forniment tal-ikel.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza meħtieġa, kif definita mill-Istati Membri, tiġi ffaċilitata għall-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġu implimentati l-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu.

Artikolu 17

Informazzjoni għall-pubbliku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun disponibbli informazzjoni xierqa u aġġornata dwar l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, f'konformità mal-Anness IV, u f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni kollha bi provvista ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jirċievu l-informazzjoni li ġejja b'mod regolari u tal-anqas darba f'sena, mingħajr ma jkollhom jitolbuha, u fl-aktar forma xierqa u faċilment aċċessibbli, pereżempju fil-fatturi jew b'mezzi diġitali bħal applikazzjonijiet intelliġenti:
- (a) informazzjoni dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, inkluż il-parametri indikaturi;
 - (b) il-prezz tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem provdut, għal kull litru u metru kubu;
 - (c) il-volum ikkonsmat mill-unità domestika, mill-inqas kull sena jew għal kull perijodu tal-kont, flimkien max-xejriet annwali ta' konsum tal-unitajiet domestiċi, jekk dan ikun teknikament fattibbli u fil-każ li din l-informazzjoni tkun disponibbli għall-fornitur tal-ilma;

- (d) tqabbil tal-konsum annwali ta' ilma mill-unità domestika ma' konsum domestiku medju, meta jkun applikabbli f'konformità mal-punt (c);
 - (e) ħolqa għas-sit web li jkun fih l-informazzjoni stipulata fl-Anness IV.
3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2003/4/KE u 2007/2/KE.

Artikolu 18

Informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2003/4/KE u 2007/2/KE, l-Istati Membri, meġġuna mill-EEA, għandhom:
- (a) jistabbilixxu, sa ... [sitt snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], u jaġġornaw, kull sitt snin wara dan, sett ta' data li jkun fih informazzjoni dwar il-miżuri meħuda biex jittiejeb l-aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem skont l-Artikolu 16, u jiġi promoss l-użu tiegħu, u dwar is-sehem tal-popolazzjoni tagħhom li għandu aċċess għal ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem; dan ma jinkludix l-ilma mqiegħed fi fliexken jew kontenituri;

- (b) jistabbilixxu, sa ... [erba' snin u sitt xhur wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], u jaġġornaw kull sitt snin wara dan, sett ta' data li jkun fih informazzjoni relatata mal-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju taż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 8, u stabbiliti sa ... [sitt snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], u aġġornati kull sitt snin wara dan, sett ta' data li jkun fih informazzjoni relatata mal-valutazzjoni tar-riskju ta' sistemi tad-distribuzzjoni domestika mwettqa skont l-Artikolu 10, inkluż l-elementi li ġejjin:
- (i) informazzjoni dwar żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(2);
 - (ii) ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq skont il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(2) u l-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1); u
 - (iii) informazzjoni konċiża dwar il-miżuri meħuda skont l-Artikolu 8(4) u l-Artikolu 10(2) u (3), inkluż informazzjoni dwar it-tip ta' miżuri meħuda, u l-progress magħmul, skont il-punt (f) tal-Artikolu 10(3);
- (c) jistabbilixxu, u jaġġornaw kull sena minn hemm 'il quddiem, sett ta' data li jkun fih ir-riżultati tal-monitoraġġ, f'każijiet fejn jinqabżu l-valuri parametriċi stabbiliti fil-Partijiet A u B tal-Anness I, miġbura skont l-Artikoli 9 u 13 u informazzjoni dwar l-azzjonijiet korrettivi meħuda skont l-Artikolu 14;

- (d) jistabbilixxu, u jaġġornaw kull sena minn hemm 'il quddiem, sett ta' data li jkun fih informazzjoni dwar inċidenti relatati mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li kkawżaw riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, irrispettivament minn jekk ikunx seħħ jew le xi nuqqas fl-ilħiq tal-valuri parametriċi, li jkun dam għal aktar minn 10 ijiem konsekuttivi u li jkun affettwa mill-inqas 1 000 persuna, inkluż il-kawżi ta' dawk l-inċidenti u l-azzjonijiet korrettivi meħuda skont l-Artikolu 14; u
- (e) jistabbilixxu, u jaġġornaw kull sena minn hemm 'il quddiem, sett ta' data li jkun fih informazzjoni dwar id-derogi kollha mogħtija f'konformità mal-Artikolu 15(1), inkluż l-informazzjoni pprovduta fl-Artikolu 15(2).

Fejn possibbli, għall-preżentazzjoni tas-settijiet ta' data msemija fl-ewwel subparagrafu għandhom jintużaw servizzi ta' data spazjali kif definiti fil-punt (4) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2007/2/KE.

- 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni, l-EEA u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard ikollhom aċċess għas-settijiet ta' data msemija fil-paragrafu 1.
- 3. L-EEA għandha tippubblika deskrizzjoni ġenerali dwar l-Unjoni kollha abbażi tad-data miġbura mill-Istati Membri fuq bażi regolari jew fuq talba tal-Kummissjoni.

Id-deskrizzjoni ġenerali madwar l-Unjoni kollha għandha tinkludi, skont kif xieraq, indikaturi għall-eżiti, għar-risultati u għall-impatt ta' din id-Direttiva, mapep li joffru ħarsa ġenerali u li jkopru l-Unjoni kollha u rapporti ġenerali tal-Istati Membri.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-format, u l-modalitajiet għall-preżentazzjoni, tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont il-paragrafi 1 u 3, inkluż rekwiżiti dettaljati dwar l-indikaturi, il-mapep li joffru ħarsa ġenerali u li jkopru l-Unjoni kollha u r-rapporti ġenerali tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 3, kif ukoll l-arranġamenti dettaljati għall-preżentazzjoni ta' din l-informazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22.
5. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn dan l-Artikolu għal kwalunkwe raġuni msemmija fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2007/2/KE.

Artikolu 19

Evalwazzjoni

1. Il-Kummissjoni, sa ... [12-il sena wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva. L-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata, fost l-oħrajn, fuq l-elementi li ġejjin:
 - (a) l-esperjenza miksuba permezz tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva;
 - (b) is-settijiet ta' data mingħand l-Istati Membri stabbiliti skont l-Artikolu 18(1) u d-deskrizzjonijiet ġenerali dwar l-Unjoni kollha kkompilati mill-EEA f'konformità mal-Artikolu 18(3);
 - (c) id-data xjentifika, analitika u epidemjoloġika rilevanti;
 - (d) ir-rakkomandazzjonijiet tad-WHO, fejn dawn ikunu disponibbli.

2. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-aspetti li ġejjin:
 - (a) l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju stabbilit fl-Artikolu 7;
 - (b) id-dispożizzjonijiet relatati mal-aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, stabbiliti fl-Artikolu 16;
 - (c) id-dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-pubbliku skont l-Artikolu 17 u l-Anness IV.
3. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard minn ... [sitt snin wara d-data tal-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], u wara dan meta jkun xieraq, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-theddida potenzjali minn mikroplastiki, prodotti farmaċewtiċi u, jekk ikun meħtieġ, kontaminanti oħra ta' tħassib emerġenti u dwar ir-riskji potenzjali għas-saħħa rilevanti.

Artikolu 20

Reviżjoni u emendar tal-Annessi

1. Tal-anqas kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-Annessi I u II fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku kif ukoll tal-approċċ tal-Istati Membri bbażat fuq ir-riskju għas-sigurtà tal-ilma li jinsab fis-settijiet tad-data stabbiliti skont l-Artikolu 18 u, fejn xieraq, għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva għal din id-Direttiva.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21 sabiex temenda l-Anness III fejn meħtieġ biex tadattah għall-progress xjentifiku u tekniku.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 21 sabiex temenda l-valur parametrik tal-Bisfenol A fil-parti B tal-Anness I, sal-punt meħtieġ biex jiġi adattat għall-progress tekniku u xjentifiku, essenzjalment abbażi tar-rieżami kontinwu mwettaq mill-EFSA.

Artikolu 21

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikoli 4(3), 11(5), 11(8), 11(11), 13(6) u 20(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni sa mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikoli 4(3), 11(5), 11(8), 11(11), 13(6) u 20(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il- prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4(3), 11(5), 11(8), 11(11), 13(6) u 20(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li mhumix se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 22
Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Meta l-Kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 23
Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissuażivi. L-Istati Membri għandhom, sa ... [sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emendi sussegwenti li jaffettwawhom.

Artikolu 24
Trasposizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jibdew idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw mal-Artikoli 1 sa 18, l-Artikolu 23 u mal-Annessi I sa V sa ... [sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu tali referenza meta jiġu pubblikati uffċjalment. Għandhom ukoll jinkludu dikjarazzjoni li fiha jingħad li referenzi għad-Direttiva mħassra minn din id-Direttiva fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għandhom jinftiehem bħala referenzi għal din id-Direttiva. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 25
Perijodu tranżitorju

1. Sa ... [tliet snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jikkonforma mal-valuri parametriċi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness I għal Bisfenol A, Klorat, Klorit, Aċidi Aloaċetiċi, Mikroċistina-LR, total ta' PFAS, Somma ta' PFASs u Uranju.

2. Sa ... [tliet snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], il-fornituri tal-ilma ma għandhomx ikunu obbligati jwettqu monitoraġġ tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 għall-parametri elenkati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 26

Tħassir

1. Id-Direttiva 98/83/KE, kif emendata bl-atti elenkati fil-Parti A tal-Anness VI, hija mħassra b'effett minn ... [sentejn + jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri b'rabta mal-limiti taż-żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness VI.

Ir-Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftehm bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VII.

2. Id-derogi mogħtija mill-Istati Membri skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 98/83/KE li jkunu għadhom japplikaw fi ... [l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva] għandhom jibqgħu applikabbli sa tmiem id-durata tagħhom. Dawn jistgħu jiġġeddu f'konformità mal-Artikolu 15 ta' din id-Direttiva biss f'każ li ma tkunx għadha nġatat it-tieni deroga. Id-dritt li titlob lill-Kummissjoni tielet deroga f'konformità mal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 98/83/KE għandu jibqa' japplika għat-tieni derogi li għadhom applikabbli fi ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Artikolu 27

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 28

Lil Min hi Indirizzata

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS I

REKWIŻITI MINIMI GĦALL-VALURI PARAMETRIĊI UŻATI BIEX TIĠI VVALUTATA L-KWALITÀ TAL-ILMA MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM

PARTI A

Parametri mikrobijoloġiċi

Parametru	Valur Parametrik	Unità	Noti
Enterokokki intestinali	0	numru/100 ml	Fil-każ ta' ilma imqiegħed fi fliexken jew reċipjenti, l-unità hi numru/250ml
<i>Escherichia coli (E.coli)</i>	0	numru/100 ml	Fil-każ ta' ilma imqiegħed fi fliexken jew reċipjenti, l-unità hi numru/250ml

PARTI B

Parametri kimiċi

Parametru	Valur Parametrik	Unità	Noti
Akrilammid	0,10	µg/l	Il-valur parametrik ta' 0,10 µg/l jirreferi għall-konċentrazzjoni tal-monomeru residwu fl-ilma kif ikkalkulata skont l-ispeċifikazzjonijiet tar-rilaxx massimu mill-polimeru korrispondenti li jiġi f'kontatt mal-ilma.
Antimonju	10	µg/l	
Arseniku	10	µg/l	
Benżen	1,0	µg/l	
Benzo(a)piren	0,010	µg/l	
Bisfenol A	2,5	µg/l	
Boron	1,5	mg/l	Valur parametrik ta' 2.4 mg/l għandu jiġi applikat meta l-ilma desalinat ikun is-sors predominanti tal-ilma tas-sistema ta' provvista kkonċernata jew f'reġjuni fejn il-kondizzjonijiet ġeoloġiċi jistgħu jwasslu għal livelli għoljin ta' boron fl-ilma ta' taħt l-art.
Bromat	10	µg/l	
Kadmju	5,0	µg/l	

Parametru	Valur Parametriku	Unità	Noti
Klorat	0,25	mg/l	Għandu jiġi applikat valur parametriku ta' 0,70 mg/l meta, għad-dizinfazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, jintuża metodu ta' dizinfazzjoni li jiġġenera l-klorat, b'mod partikolari d-diossidu tal-kloru. Fejn hu possibbli, mingħajr ma tkun compromessa d-dizinfazzjoni, l-Istati Membri għandom jippruvaw jilhqqu valur aktar baxx. Dan il-parametru għandu jitkejjel biss jekk jintużaw tali metodi ta' dizinfazzjoni.
Klorit	0,25	mg/l	Għandu jiġi applikat valur parametriku ta' 0,70 mg/l meta, għad-dizinfazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, jintuża metodu ta' dizinfazzjoni li jiġġenera l-klorit, b'mod partikolari d-diossidu tal-kloru. Fejn hu possibbli, mingħajr ma tkun compromessa d-dizinfazzjoni, l-Istati Membri għandom jippruvaw jilhqqu valur aktar baxx. Dan il-parametru għandu jitkejjel biss jekk jintużaw tali metodi ta' dizinfazzjoni.
Kromju	25	µg/l	Il-valur parametriku ta' 25 µg/l għandu jintlaħaq mhux iktar tard minn ... [15-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-valur parametriku għall-kromu sa dik id-data għandu jkun ta' 50 µg/l.

Parametru	Valur Parametrik	Unità	Noti
Ram	2,0	mg/l	
Ċjanur	50	µg/l	
1,2-dikloroetan	3,0	µg/l	
Epikloroidrin	0,10	µg/l	Il-valur parametrik ta' 0,10 µg/l jirreferi għall-konċentrazzjoni tal-monomeru residwu fl-ilma kif ikkalkulata skont l-ispeċifikazzjonijiet tar-rilaxx massimu mill-polimeru korrispondenti li jiġi f'kuntatt mal-ilma.
Fluworur	1,5	mg/l	
Aċidi Aloaċetiċi (HAAs)	60	µg/l	Dan il-parametru għandu jitkejjel biss meta jintużaw il-metodi ta' diżinfekzzjoni li jistgħu jiġġeneraw HAAs għad-diżinfekzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Huwa l-għadd totali tal-ħames sustanzi rappreżentattivi li ġejjin: aċidu monokloroaċetiku, dikloroaċetiku, u trikloroaċetiku, u aċidu monoaċetiku u aċidu dibromoaċetiku.
Ċomb	5	µg/l	Il-valur parametrik ta' 5 µg/l għandu jintlaħaq, mhux iktar tard minn, ... [15-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-valur parametrik għaċ-ċomb sa dik id-data għandu jkun ta' 10 µg/l.

Parametru	Valur Parametrik	Unità	Noti
			Wara dik id-data, il-valur parametrik ta' 5 µg/l għandu jġi ssodisfat tal-anqas fil-punt tal-provvista lis-sistema ta' distribuzzjoni domestika. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(2), għandu japplika l-valur parametrik ta' 5 µg/l fil-vit.
Merkurju	1,0	µg/l	
Mikroċistina-LR	1,0	µg/l	Dan il-parametru għandu jitkejjel biss fil-każ ta' proliferazzjoni potenzjali fl-ilma tas-sors (tkabbir tad-densità ċellulari taċ-ċjanobatterji jew il-potenzjal tal-formazzjoni tal-proliferazzjoni).
Nikil	20	µg/l	
Nitrat	50	mg/l	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kondizzjoni $[\text{nitrat}]/50 + [\text{nitrit}]/3 \leq 1$, fejn il-parenteżi kwadri jfissru l-konċentrazzjonijiet f'mg/l għan-nitrat (NO ₃) u n-nitrit (NO ₂), tiġi mħarsa, u li jkun hemm konformità mal-valur parametrik ta' 0,10 mg/l għan-nitriti filma li jkun ġie trattat.
Nitrit	0,50	mg/l	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kondizzjoni $[\text{nitrat}]/50 + [\text{nitrit}]/3 \leq 1$, fejn il-parenteżi kwadri jfissru l-konċentrazzjonijiet f'mg/l għan-nitrat (NO ₃) u n-nitrit (NO ₂), tiġi mħarsa, u li jkun hemm konformità mal-valur parametrik ta' 0,10 mg/l għan-nitriti filma li jkun ġie trattat.

Parametru	Valur Parametrik	Unità	Noti
Pestiċidi	0,10	µg/l	"Pestiċidi" tfisser: – insettiċidi organiċi, – erbiċidi organiċi, – fungjiċidi organiċi, – nematoċidi organiċi, – akariċidi organiċi, – algiċidi organiċi, – rodentiċidi organiċi – slimċidi organiċi, – prodotti relatati (<i>inter alia</i>, regolaturi tat-tkabbir), u l-metaboliti tagħhom kif definiti fil-punt (32) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, li huma meqjusa rilevanti għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Metabolit pestiċida għandu jkun meqjus bħala rilevanti għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jekk ikun hemm raġuni biex jitqies li għandu proprjetajiet intrinziċi li jistgħu jitqabblu ma' dawk tas-sustanza oriġinarja f'termini tal-attività pestiċida fil-mira tiegħu jew li minnu nnifsu jew mill-prodotti ttrasformati tiegħu jiġġenera/w riskju għas-saħħa għall-konsumaturi.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

Parametru	Valur Parametriku	Unità	Noti
			Il-valur parametriku ta' 10 µg/l għandu japplika għal kull pestiċida individwali. Fil-każ tal-aldrin, tad-diieldrin, tal-ettakloru u tal-epossidu tal-ettakloru, il-valur parametriku għandu jkun ta' 0,030 µg/l. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu valur ta' gwida għall-ġestjoni tal-preżenza ta' metaboliti mhux rilevanti tal-pestiċidi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Għandhom jiġu mmonitorjati biss il-pestiċidi li x'aktarx jinstabu fi provvista partikolari. Abbażi tad-data rrapportata mill-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi bażi tad-data ta' pestiċidi u l-metaboliti rilevanti tagħhom, b'kont meħud tal-preżenza possibbli tagħhom fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.
Pestiċidi Total	0,50	µg/l	"Pestiċidi Total" tfisser l-għadd totali tal-pestiċidi individwali kollha, kif definiti fir-ringiela preċedenti, misjuba u kwantifikati fil-proċedura ta' monitoraġġ.

Parametru	Valur Parametrik	Unità	Noti
PFAS Total	0,50	µg/l	"PFAS Total" tfisser l-għadd totali tas-sustanzi per- u polifluworoalkilati. Dan il-valur parametrik għandu japplika biss ladarba jiġu żviluppati linji gwida tekniċi għall-monitoraġġ ta' dan il-parametru f'konformità mal-Artikolu 13(7). L-Istati Membri jistgħu mbagħad jiddeċiedu li jużaw il-parametri "PFAS Total" jew "Għadd ta' PFAS".
Għadd ta' PFAS	0,10	µg/l	"Għadd ta' PFAS" tfisser l-għadd tas-sustanzi per- u polifluworoalkilati meqjusa bħala ta' tħassib fir-rigward tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem elenkati fil-punt 3 tal-Parti B tal-Anness III. Dan hu subsett ta' sustanzi "PFAS Total" li fihom frazzjoni ta' perfluworoalkilati bi tliet karboni jew aktar (jiġifieri $-C_nF_{2n}-$, $n \geq 3$) jew frazzjoni ta' perfluworoalkilati b'żewġ karboni jew aktar (jiġifieri $-C_nF_{2n}OC_mF_{2m}-$, n u $m \geq 1$).
Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi	0,10	µg/l	L-għadd totali tal-konċentrazzjonijiet tal-komposti speċifikati li ġejjin: benzo(b)fluworanten, benzo(k)fluworanten, benzo(ghi)perilen, u indeno(1,2,3-cd)piren.

Parametru	Valur Parametriku	Unità	Noti
Selenju	20	µg/l	Għandu jkun applikat valur parametriku ta' 30 µg/l għal reġjuni fejn il-kondizzjonijiet ġeoloġiċi jistgħu jwasslu għal livelli għoljin ta' selenju fl-ilma ta' taħt l-art.
Tetrakloroeten u Trikloroeten	10	µg/l	L-għadd totali tal-konċentrazzjonijiet ta' dawn iż-żewġ parametri.
Trihalometani Total	100	µg/l	Fejn hu possibbli, mingħajr ma tkun compromessa d-diżinfezzjoni, l-Istati Membri għandhom jippruvaw jilhqqu valur parametriku aktar baxx. Huwa l-għadd totali tal-konċentrazzjonijiet tal-komposti speċifikati li ġejjin: kloroform, bromoform, dibromoklorometan u bromodiklorometan.
Uranju	30	µg/l	
Klorur tal-vinil	0,50	µg/l	Il-valur parametriku ta' 0,50 µg/l jirreferi għall-konċentrazzjoni tal-monomeru residwu fl-ilma kif ikkalkulata skont l-ispeċifikazzjonijiet tar-rilaxx massimu mill-polimeru korrispondenti li jiġi f'kuntatt mal-ilma.

PARTI C

Parametri indikaturi

Parametru	Valur Parametrik	Unità	Noti
Aluminju	200	µg/l	
Ammonju	0,50	mg/l	
Klorur	250	mg/l	L-ilma ma għandux ikun korrożiv.
<i>Clostridium perfringens</i> inkluż l-ispori	0	numru/100 ml	Dan il-parametru għandu jitlek jekk il-valutazzjoni tar-riskju tindika li huwa xieraq li dan isir.
Kulur	Aċċettabbli għall-konsumatur u ebda bidla anormali		
Konduttività	2 500	µS cm ⁻¹ f'temperatura ta' 20 °C	L-ilma ma għandux ikun aggressiv.
Konċentrazzjoni b'joni tal-idroġenu	≥ 6,5 u ≤ 9,5	unitajiet ta' pH	L-ilma ma għandux ikun aggressiv. Fil-każ tal-ilma bla gass fil-fliexken jew fir-reċipjenti, il-valur minimu jista' jtnaqqas għal 4.5 unitajiet ta' pH. Fil-każ tal-ilma fil-fliexken jew fir-reċipjenti li huwa arrikkit b'mod naturali jew artifiċjali bid-diossidu tal-karbonju, il-valur minimu jista' jkun aktar baxx.
Hadid	200	µg/l	
Manganiż	50	µg/l	
Riġa	Aċċettabbli għall-konsumatur u ebda bidla anormali		

Parametru	Valur Parametrik	Unità	Noti
Ossidabbiltà	5,0	mg/l O ₂	Dan il-parametru ma għandux għalfejn jitkejjel jekk jiġi analizzat il-parametru TOC.
Sulfat	250	mg/l	L-ilma ma għandux ikun korrożiv.
Sodju	200	mg/l	
Togħma	Aċċettabbli għall-konsumatur u ebda bidla anormali		
L-għadd tal-kolonji f'temperatura ta' 22° C	Ebda bidla anormali		
Batterji koliformi	0	numru/100 ml	Fil-każ ta' ilma imqiegħed fil-fliexken jew ir-reċipjenti, l-unità hi numru/250ml.
Karbonju organiku totali (TOC)	Ebda bidla anormali		Dan il-parametru ma għandux għalfejn jitkejjel għal provvisti ta' anqas minn 10 000 m ³ kuljum.
Turbidità	Aċċettabbli għal konsumaturi u ebda bidla anormali		
L-ilma ma għandux ikun aggressiv jew korrożiv. Dan japplika b'mod partikolari għall-ilma li jkun qed isir lu trattament (demineralizzazzjoni, trattib, trattament tal-membrana, osmosi inversa, eċċ.).			
Meta l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jirriżulta minn trattament li jiddemineralizza jew irattab b'mod sinifikanti l-ilma, jistgħu jiġu miżjuda mluħa tal-kalċju u tal-manjeżju biex l-ilma jiġi kkondizzjonat sabiex jitnaqqas kwalunkwe impatt negattiv possibbli fuq is-saħħa, kif ukoll sabiex titnaqqas il-korrożjoni jew l-aggressività tal-ilma u biex tittejjeb it-togħma. Jistgħu jiġu stabbiliti l-konċentrazzjonijiet minimi tal-kalċju u l-manjeżju jew it-total tas-solidi dissolti fl-ilma mrattab jew demineralizzat b'kont meħud tal-karatteristiċi tal-ilma li jidħol f'dawk il-proċessi.			

PARTI D

Parametri rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju tas-sistemi ta' distribuzzjoni domestika

Parametru	Valur Parametrik	Unità	Noti
<i>Legionella</i>	<1 000	CFU/l	Dan il-valur parametrik huwa stabbilit għall-finijiet tal-Artikoli 10 u 14. Azzjonijiet previsti f'dawk l-Artikoli jistgħu jitqiesu anke meta l-valur huwa taħt il-valur parametrik, eż. f'każ ta' infezzjonijiet u tifqigħat. F'tali każijiet, għandu jiġi kkonfermat is-sors tal-infezzjoni u l-ispeċijiet ta' <i>Legionella</i> għandhom jiġu identifikati.
Ċomb	10	µg/l	Dan il-valur parametrik huwa stabbilit għall-finijiet tal-Artikoli 10 u 14. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jiksbu l-valur aktar baxx ta' 5 µg/l sa ... [15-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

ANNEX II

MONITORAĠĠ

PARTI A

L-għanijiet ġenerali u l-programmi ta' monitoraġġ għall-ilma
maħsub għall-konsum mill-bniedem

1. Il-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti skont l-Artikolu 13(2) għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għandhom:
 - (a) jivverifikaw li l-miżuri fis-seħħ għall-kontroll tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem tul il-katina tal-provvista tal-ilma miż-żona tal-astrazzjoni permezz tat-trattament u l-ħżin sad-distribuzzjoni qed jaħdmu b'mod effettiv u li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fil-punt tal-konformità jkun tajjeb u nadif;
 - (b) jagħtu informazzjoni dwar il-kwalità tal-ilma fornut għall-konsum mill-bniedem biex juru li l-obbligi stipulati fl-Artikolu 4 u l-valuri parametriċi stabbiliti skont l-Artikolu 5 huma ssodisfati;
 - (c) jidentifikaw l-aktar mezzi xierqa biex jitnaqqas ir-riskju għas-saħħa tal-bniedem.
2. Il-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti skont l-Artikolu 13(2) għandhom jinkludu wieħed minn dawn li ġejjin jew taħlita tagħhom:
 - (a) ġbir u analiżi ta' kampjuni diskreti tal-ilma;
 - (b) kejl irregiŕtrat permezz ta' proċess kontinwu ta' monitoraġġ.

Barra minn hekk, il-programmi ta' monitoraġġ jistgħu jikkonsistu minn:

- (a) spezzjonijiet tar-reġistrazzjonijiet tal-funzjonalità u l-manteniment tal-istatus tal-apparat;
- (b) spezzjonijiet taż-żona tal-astrazzjoni, u tal-infrastruttura tad-distribuzzjoni, it-trattament u l-ħżin, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' monitoraġġ previsti fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(2) u l-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1).

3. Il-programmi ta' monitoraġġ għandhom jinkludu wkoll programm ta' monitoraġġ operazzjonali li jipprovdi għarfien immedjat dwar il-prestazzjoni operattiva u dwar problemi relatati mal-kwalità tal-ilma u li jippermetti li tittieħed azzjoni korrettiva rapida ppjanata minn qabel. Tali programmi ta' monitoraġġ operazzjonali għandhom ikunu speċifiċi għall-provvista, filwaqt li jqisu l-eżiti tal-identifikazzjoni tal-perikli u l-avvenimenti perikolużi u l-valutazzjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista, u għandhom ikunu maħsubin biex jikkonfermaw l-effettività tal-miżuri kollha ta' kontroll b'rabta mal-astrazzjoni, it-trattament, id-distribuzzjoni u l-ħżin.

Il-programm ta' monitoraġġ operazzjonali għandu jinkludi l-monitoraġġ tal-parametru tat- 'turbidità' fl-impjant tal-provvista tal-ilma sabiex jikkontrolla b'mod regolari l-effikaċja tat-tneħħija b'mod fiżiku permezz ta' proċessi ta' filtrazzjoni, f'konformità mal-valuri ta' referenza u l-frekwenzi indikati fit-tabella li ġejja (mhux applikabbli għas-sorsi ta' ilma ta' taħt l-art fejn it-turbidità hija kkawżata mill-ħadid u l-manganiż):

Parametru operazzjonali	Valur ta' referenza
Turbidità	0,3 NTU f'95 % tal-kampjuni u ebda wieħed ma jaqbeż 1 NTU

Volum (m ³) ta' ilma mqassam jew prodott kull ġurnata f'żona ta' forniment	Frekwenza minima tal-kampjunar u l-analiżi
≤ 1 000	Kull ġimgħa
> 1 000 sa ≤ 10 000	Kuljum
>10 000	Kontinwu

Il-programm ta' monitoraġġ operazzjonali għandu jinkludi wkoll il-monitoraġġ tal-parametri li ġejjin f' ilma mhux trattat biex tiġi kkontrollata l-effikaċja tal-proċessi ta' trattament kontra r-riskji mikrobijoloġiċi:

Parametru operazzjonali	Valur ta' referenza	Unità	Noti
Kolifaġi somatiċi	50 (għall-ilma mhux trattat)	Unitajiet li Jiffurmaw Plakka (PFU) /100 ml	Dan il-parametru għandu jitkejjel jekk il-valutazzjoni tar-riskju tindika li huwa xieraq li dan isir. Jekk jinsab f' ilma mhux trattat f'konċentrazzjonijiet ta' > 50 PFU /100 ml, għandu jiġi analizzat wara l-passi tas-sekwenza ta' trattament sabiex tiġi determinata t-tneħħija (f'log) permezz tal-ostakli fis-seħħ u biex jiġi vvalutat jekk ir-riskju ta' tifqigħa ta' virus patoġeniċi huwiex suffiċjement taħt kontroll.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi ta' monitoraġġ jiġu riveduti fuq bażi kontinwa u aġġornati jew ikkonfermati tal-anqas kull sitt snin.

Parti B

Parametri u frekwenzi ta' kampjunar

1 Lista ta' parametri

Grupp A

Il-parametri li ġejjin (il-Grupp A) għandhom jiġu ssorveljati skont il-frekwenzi ta' monitoraġġ kif stipulat fit-Tabella 1 tal-punt 2:

- (a) *Escherichia coli* (*E. Coli*), enterokokki intestinali, batterji koliformi, l-għadd tal-kolonji f'temperatura ta' 22 °C, kulur, turbidità, toġhma, riġa, pH u konduttività;
- (b) parametri oħra identifikati bħala rilevanti fil-programm ta' monitoraġġ, skont l-Artikolu 5(3) u, fejn rilevanti, permezz ta' valutazzjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista kif stipulat fl-Artikolu 9 u fil-Parti C tal-Anness.

F'ċirkostanzi speċifiċi, il-parametri li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-parametri tal-Grupp A:

- (a) ammonju u nitrit, jekk tintuża l-kloraminazzjoni;
- (b) aluminju u ħadid, jekk jintużaw bħala sustanzi kimiċi għat-trattament tal-ilma.

Escherichia coli (*E. coli*) u enterokokki intestinali huma meqjusa bħala "parametri ewlenin" u l-frekwenzi fil-monitoraġġ tagħhomma għandhomx ikunu s-suġġett ta' tnaqqis minħabba valutazzjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista skont l-Artikolu 9 u l-Parti C ta' dan l-Anness. Dawn għandhom dejjem ikunu mmonitorjati tal-inqas skont il-frekwenzi stabbiliti fit-Tabella 1 tal-punt 2.

Grupp B

Sabiex tiġi determinata l-konformità mal-valuri parametriċi kollha stipulati f'din id-Direttiva, kull parametru ieħor mhux analizzat taħt il-Grupp A u stabbilit f'konformità mal-Artikolu 5, ħlief għall-parametri fil-Parti D tal-Anness I, għandhom jiġu mmonitorjati tal-anqas skont il-frekwenzi stipulati fit-Tabella 1 tal-punt 2, sakemm ma tiġix determinata frekwenza ta' kampjunar differenti abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista mwettqa f'konformità mal-Artikolu 9 u l-Parti C ta' dan l-Anness.

2. Il-frekwenza tal-kampjunar

Tabella 1. Il-frekwenza minima tal-kampjunar u l-analiżi tal-monitoraġġ tal-konformità

Volum ta' ilma mqassam jew prodott għal kull ġurnata f'żona ta' forniment (Ara n-Noti 1 u 2) m ³		Parametri tal-Grupp A għadd ta' kampjuni kull sena	Parametri tal-Grupp B għadd ta' kampjuni kull sena
	< 10	> 0 (Ara n-Nota 4)	> 0 (Ara n-Nota 4)
≥ 10	≤ 100	2	1 (Ara n-Nota 5)
> 100	≤ 1 000	4	1

Volum ta' ilma mqassam jew prodott għal kull ġurnata f'żona ta' forniment (Ara n-Noti 1 u 2) m ³		Parametri tal-Grupp A għadd ta' kampjuni kull sena	Parametri tal-Grupp B għadd ta' kampjuni kull sena
> 1000	≤ 10 000	4 għall-ewwel 1 000 m ³ /ġurnata +3 għal kull 1000 m ³ /ġurnata addizzjonali u parti minnu tal-volum totali (Ara n-Nota 3)	1 għall-ewwel 1 000 m ³ /ġurnata +1 għal kull 4500 m ³ /ġurnata addizzjonali u parti minnu tal-volum totali (Ara n-Nota 3)
> 10000	≤ 100 000		3 għall-ewwel 10000 m ³ /ġurnata +1 għal kull 10000 m ³ /ġurnata addizzjonali u parti minnu tal-volum totali (Ara n-Nota 3)
> 100000			12 għall-ewwel 100 000 m ³ /ġurnata + 1 għal kull 25000 m ³ /ġurnata addizzjonali u parti minnu tal-volum totali (Ara n-Nota 3)

Nota 1: Żona ta' forniment hija żona ġeografika identifikata li tforni ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem minn sors wieħed jew aktar u li l-kwalità tal-ilma tagħha tista' titqies li hi bejn wieħed u ieħor l-istess.

Nota 2: Il-volumi huma kkalkulati bħala medji għal sena kalendarja. Jista' jintuża l-għadd ta' abitanti f'żona ta' forniment minflok il-volum ta' ilma biex tiġi ddeterminata l-frekwenza minima, meta wieħed jassumi l-konsum ta' ilma bħala 200 l/(ġurnata*capita).

- Nota 3: Il-frekwenza indikata hija kkalkulata kif ġej: eż. $4\,300\text{ m}^3/\text{ġurnata} = 16\text{-il kampjun għall-parametri tal-Grupp A (erbgħa għall-ewwel } 1000\text{ m}^3/\text{ġurnata} + 12\text{ għat-}3\,300\text{ m}^3/\text{ġurnata addizzjonali)}$.
- Nota 4: Għall-fornituri tal-ilma, meta ma tkunx ingħatat eżenzjoni skont il-punt (b) tal-Artikolu 3(3), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-frekwenza minima tal-kampjunar għall-parametri tal-Gruppi A u B, dment li l-parametri ewlenin jiġu monitorjati mill-inqas darba fis-sena.
- Nota 5: L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-frekwenza tal-kampjunar dment li l-parametri kollha stabbiliti f'konformità mal-artikolu 5 jiġu mmonitorjati mill-inqas darba kull sitt snin u jiġu mmonitorjati f'każijiet fejn jiġi integrat sors ġdid tal-ilma fis-sistema tal-provvista tal-ilma jew isir tibdil f'dik is-sistema, u b'riżultat ta' dan hu mistenni impatt potenzjalment negattiv fuq il-kwalità tal-ilma.

PARTI C

Valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista

1. Abbażi tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista kif imsemmi fl-Artikolu 9, il-lista tal-parametri kkunsidrati fil-monitoraġġ għandha tiġi estiża u l-frekwenzi tal-kampjunar stabbiliti fil-Parti B għandhom jiżdiedu, fejn hija ssodisfata kwalunkwe waħda minn dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) il-lista tal-parametri jew tal-frekwenzi stipulata f'dan l-Anness mhijiex biżżejjed biex jiġu ssodisfati l-obbligi imposti skont l-Artikolu 13(1);

- (b) huwa meħtieġ monitoraġġ addizzjonali għall-finijiet tal-Artikolu 13(5);
- (c) huwa meħtieġ li jingħataw l-assigurazzjonijiet stipulati fil-punt (a) tal-punt 1 tal-Parti A;
- (d) huwa meħtieġ li l-frekwenzi tal-kampjunar jiżdiedu skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(4).

2. Bħala riżultat ta' valutazzjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista, il-lista tal-parametri kkunsidrati fil-monitoraġġ u l-frekwenzi tal-kampjunar stipulati fil-Parti B jistgħu jitnaqqsu dment li jiġu ssodisfati il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) il-post u l-frekwenza tal-kampjunar huma ddeterminati b'rabta mal-orijini tal-parametri, kif ukoll mal-varjabbiltà ta' u x-xejra fuq termini twal dwar il-konċentrazzjoni tagħhom, b'kont meħud tal-Artikolu 6;
- (b) fir-rigward tat-tnaqqis fil-frekwenza minima tal-kampjunar ta' parametru, ir-riżultati miksuba mill-kampjuni miġbura f'intervalli regolari fuq perijodu ta' mill-anqas tliet snin, minn punti ta' kampjunar li jirrappreżentaw iż-żona kollha ta' forniment, huma kollha anqas minn 60 % tal-valur parametrik;
- (c) fir-rigward tat-tneħħija ta' parametru mil-lista ta' parametri li għandhom jiġu mmonitorjati, ir-riżultati miksuba mill-kampjuni miġbura f'intervalli regolari fuq perijodu ta' mill-anqas tliet snin, minn punti ta' kampjunar li jirrappreżentaw iż-żona kollha ta' forniment, huma kollha anqas minn 30 % tal-valur parametrik;

- (d) fir-rigward tat-tneħħija ta' parametru mil-lista ta' parametri li għandhom jiġu mmonitorjati, id-deċizzjoni hi bbażata fuq l-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju li tikkunsidra r-riżultati tal-monitoraġġ tas-sorsi tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u li jikkonfermaw li s-saħħa tal-bniedem hija protetta minn kull effett ħażin ta' kontaminazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, kif stipulat fl-Artikolu 1;
- (e) fir-rigward tat-tnaqqis fil-frekwenza tal-kampjunar ta' parametru jew it-tneħħija ta' parametru mil-lista ta' parametri li għandhom jiġu mmonitorjati, il-valutazzjoni tar-riskju tikkonferma li ma jista' jiġi antiċipat l-ebda fattur li jista' jikkawża deterjorazzjoni tal-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

Meta r-riżultati tal-monitoraġġ, li juru li l-kondizzjonijiet stipulati fil-punti (2)(b) sa (2)(e) ikunu ġew issodisfati, ikunu diġà disponibbli minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], daww ir-riżultati tal-monitoraġġ jistgħu, minn dik id-data, jintużaw biex il-monitoraġġ jiġi adattat skont il-valutazzjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista.

Fejn ikunu diġà ġew implimentati aġġustamenti għall-monitoraġġ b'segwitu għall-valutazzjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista skont, fost l-oħrajn, il-Parti C tal-Anness II tad-Direttiva 98/83/KE, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu l-possibbiltà li tiġi kkonfermata l-validità tagħhom mingħajr ma jkun rikjest monitoraġġ skont il-punti 2(b) u 2(c) tul perijodu ulterjuri ta' mill-inqas tliet snin minn punti rappreżentattivi taż-żona kollha tal-provvista.

PARTI D

Il-metodi u l-punti tal-kampjunar

1. Il-punti tal-kampjunar għandhom jintgħażlu b'mod li jassiguraw il-konformità mal-Artikolu 6(1). F'każ ta' netwerk ta' distribuzzjoni, Stat Membru jista' jieħu kampjuni fiż-żona ta' forniment jew mix-xogħlijiet ta' trattament għal parametri partikolari jekk ikun jista' jintwera li mhux ser jkun hemm l-ebda bidla negattiva għall-valur imkejje tal-parametri kkonċernati. Sa fejn huwa possibbli, l-għadd ta' kampjuni għandu jitqassam ugwalment kemm fil-ħin kif ukoll fil-post.
2. Il-kampjunar fil-punt ta' konformità għandu jissodisfa dawn ir-rekwiżiti:
 - (a) il-kampjuni tal-konformità għal ċerti parametri kimiċi, b'mod partikolari r-ram, iċ-ċomb, u n-nikil, għandhom jittieħdu mill-viti tal-konsumaturi mingħajr ifflaxxjar minn qabel. Għandu jittieħed kampjun aleatorju b'volum ta' litru matul il-ġurnata. Bħala alternattiva, l-Istati Membri jistgħu jużaw metodi ta' żmien fiss ta' stagħnar li jirriflettu s-sitwazzjonijiet nazzjonali tagħhom, bħall-konsum medju ta' kull ġimgħa mill-konsumatur, sakemm fil-livell taż-żona ta' forniment, dan ma jirriżultax f'każijiet anqas ta' nuqqas ta' konformità minn meta jintuża l-metodu aleatorju ta' matul il-ġurnata;
 - b) il-kampjuni ta' konformità għall-parametri mikrobijoloġiċi fil-punt ta' konformità għandhom jittieħdu u jiġu mmaniġġati skont EN ISO 19458, l-iskop B tal-kampjunar.

3. Il-kampjuni tal-*Legionella* f'sistemi ta' distribuzzjoni domestika għandhom jittieħdu f'punti ta' riskju għall-proliferazzjoni tal-*Legionella*, punti rappreżentattivi għall-esponiment sistematiku għal-*Legionella*, jew it-tnejn. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu linji gwida għal metodi ta' kampjunar għal-*Legionella*.
 4. Il-kampjunar fin-netwerk ta' distribuzzjoni, bl-eċċezzjoni tal-kampjunar fil-viti tal-konsumaturi, għandu jkun skont ISO 5667-5. Għall-parametri mikrobijoloġiċi, il-kampjuni fin-netwerk ta' distribuzzjoni għandhom jittieħdu u jiġu mmaniġġati skont EN ISO 19458, l-iskop A tal-kampjunar.
-

ANNESS III

SPEĊIFIKAZZJONIJIET GĦALL-ANALIŻI TA' PARAMETRI

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-metodi ta' analiżi użati għall-finijiet ta' monitoraġġ u dimostrazzjoni tal-konformità ma' din id-Direttiva, b'eċċezzjoni għat-turbidità, huma vvalidati u ddokumentati skont l-EN ISO/IEC 17025 jew standards oħra ekwivalenti aċċettati fil-livell internazzjonali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li laboratorji jew partijiet ikkuntrattati ma' laboratorji japplikaw prattiki ta' sistema ta' ġestjoni ta' kwalità skont l-EN ISO/IEC 17025 jew standards oħra ekwivalenti aċċettati fil-livell internazzjonali.

Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-ekwivalenza ta' metodi alternattivi mal-metodi stabbiliti f'dan l-Anness, l-Istati Membri jistgħu jużaw l-istandard EN ISO 17994, stabbilit bħala l-istandard għall-ekwivalenza tal-metodi mikrobijoloġiċi, jew l-istandard EN ISO 16140 jew kwalunkwe protokoll ieħor simili aċċettat fuq livell internazzjonali, sabiex jistabbilixxu l-ekwivalenza ta' metodi bbażati fuq prinċipji oħra għajr il-kultura, li jmorru lil hinn mill-ambitu tal-EN ISO 17994.

Fin-nuqqas ta' metodu analitiku li jissodisfa l-kriterji tal-prestazzjoni minima stipulati fil-Parti B, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-monitoraġġ isir bl-użu tal-aħjar tekniki disponibbli iżda li ma jgħolqux spejjeż eċċessivi.

PARTI A

Parametri mikrobijoloġiċi b'metodi tal-analiżi speċifikati għalihom

Il-metodi tal-analiżi għall-parametri mikrobijoloġiċi huma:

- (a) *Escherichia coli* (*E. coli*) u batterji koliformi (EN ISO 9308-1 jew EN ISO 9308-2);
- (b) enterokokki intestinali (EN ISO 7899-2);
- (c) l-għadd tal-kolonji jew l-għadd tal-kolonji eterotrofiċi f'temperatura ta' 22 °C (EN ISO 6222);
- (d) *Clostridium perfringens* inklużi l-ispori (EN ISO 14189);
- (e) *Legionella* (EN ISO 11731 għal konformità mal-valur fil- Parti D tal-Anness I);

għal monitoraġġ tal-verifika bbażata fuq ir-riskju u biex jiġu kkumplementati metodi ta' kultura, jistgħu jintużaw ukoll metodi, bħall-ISO/TS 12869, metodi ta' kultura rapida, metodi mhux ibbażati fuq il-kultura, u metodi bbażati fuq il-molekuli, b'mod partikolari l-qPCR;

- (f) kolifaġi somatiċi

għal monitoraġġ operazzjonali, jista' jintuża l-Parti A tal-Anness II, EN ISO 10705-2, u EN ISO 10705-3.

PARTI B

Parametri kimiċi u parametri indikaturi b'karatteristiċi tal-prestazzjoni speċifikati għalihom

1. Parametri kimiċi u parametri indikaturi

Għall-parametri stipulati fit-Tabella 1 ta' dan l-Anness, il-metodu tal-analiżi użat għandu, bħala minimu, ikun kapaċi jkejjel il-konċentrazzjonijiet daqs il-valur parametrik u b'limitu ta' kwantifikazzjoni, kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/90/KE¹, ta' 30 % jew anqas tal-valur parametrik u inċertezza tal-kejl kif speċifikat fit-Tabella 1 ta' dan l-Anness. Ir-risultat għandu jiġi espress bl-użu ta' mill-anqas l-istess għadd ta' ċifri sinifikanti bħal dak tal-valur parametrik msemmi fil-Partijiet B u C tal-Anness I għal din id-Direttiva.

L-inċertezza tal-kejl stabbilita fit-Tabella 1 ma għandhiex tintuża bħala tolleranza addizzjonali mal-valuri parametriċi stipulati fl-Anness I.

Tabella 1. *Karatteristiċi minimi tal-prestazzjoni "Inċertezza tal-kejl"*

Parametri	Inċertezzi tal-kejl (Ara n-Nota 1) % tal-valur parametrik (barra l-pH)	Noti
Aluminju	25	
Ammonju	40	
Akrilammid	30	

¹ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/90/KE tal-31 ta' Lulju 2009 li tistipula, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, speċifikazzjonijiet tekniċi għall-analiżi u l-monitoraġġ kimiċi tal-istat tal-ilma (ĠU L 201, 1.8.2009, p. 36).

Parametri	Inċertezzi tal-kejl (Ara n-Nota 1) % tal-valur parametrik (barra l-pH)	Noti
Antimonju	40	
Arseniku	30	
Benzo(a)piren	50	Ara n-Nota 2
Benżen	40	
Bisfenol A	50	
Boron	25	
Bromat	40	
Kadmju	25	
Klorur	15	
Klorat	40	
Klorit	40	
Kromu	30	
Ram	25	
Ċjanur	30	Ara n-Nota 3
1,2-dikloroetan	40	
Epikloroidrin	30	
Fluworur	20	

Parametri	Inċertezzi tal-kejl (Ara n-Nota 1) % tal-valur parametrik (barra l-pH)	Noti
HAAs	50	
Konċentrazzjoni tal-pH b'jioni tal-idroġenu	0,2	Ara n-Nota 4
Hadid	30	
Ċomb	30	
Manganiż	30	
Merkurju	30	
Mikroċistina-LR	30	
Nikil	25	
Nitrat	15	
Nitrit	20	
Ossidabbiltà	50	Ara n-Nota 5
Pestiċidi	30	Ara n-Nota 6
PFAS	50	
Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi	40	Ara n-Nota 7
Selenju	40	

Parametri	Inċertezzi tal-kejl (Ara n-Nota 1) % tal-valur parametrik (barra l-pH)	Noti
Sodju	15	
Sulfat	15	
Tetrakloroeten	40	Ara n-Nota 8
Trikloroeten	40	Ara n-Nota 8
Triometani — total	40	Ara n-Nota 7
Karbonju organiku totali (TOC)	30	Ara n-Nota 9
Turbidità	30	Ara n-Nota 10
Uranju	30	
Klorur tal-vinil	50	

2. Noti għat- Tabella 1

Nota 1: L-inċertezza tal-kejl hija parametru mhux negattiv li jikkarakterizza d-dispersjoni tal-valuri ta' kwantità attribwiti għal mikjel u bbażat fuq l-informazzjoni li ntużat. Il-kriterju tal-prestazzjoni għall-kejl tal-inċertezza ($k = 2$) huwa l-persentaġġ tal-valur parametrik msemmi fit-tabella jew kwalunkwe valur aktar strett. L-inċertezza tal-kejl għandu jiġi kkalkulat fil-livell tal-valur parametrik, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor.

- Nota 2: Jekk il-valur tal-inċertezza tal-kejl ma jistax jiġi ssodisfat, għandha tingħażel l-aħjar teknika disponibbli (sa 60 %).
- Nota 3: Il-metodu għandu jistabilixxi t-total ta' ċjanur fil-forom kollha.
- Nota 4: Il-valur għall-inċertezza tal-kejl huwa espress f'unitajiet ta' pH.
- Nota 5: Metodu ta' referenza: EN ISO 8467.
- Nota 6: Il-karatteristiċi tal-prestazzjoni għal pestiċidi individwali jingħataw bħala indikazzjoni. Jistgħu jinkisbu valuri tal-inċertezza tal-kejl baxxi sa 30 % għal diversi pestiċidi, filwaqt li jistgħu jiġu permessi valuri għolja sa 80 % għal għadd ta' pestiċidi.
- Nota 7: Il-karatteristiċi ta' prestazzjoni japplikaw għal sustanzi individwali speċifikati f'25 % tal-valur parametrik fil-Parti B tal-Anness I.
- Nota 8: Il-karatteristiċi ta' prestazzjoni japplikaw għal sustanzi individwali speċifikati f'50 % tal-valur parametrik fil-Parti B tal-Anness I.
- Nota 9: L-inċertezza tal-kejl għandha tiġi stmata fil-livell ta' 3 mg/l tat-total ta' karbonju organiku (TOC). Il-linji gwida EN 1484 għad-determinazzjoni tat-TOC u tal-karbonju organiku dissolt (DOC) għandhom jintużaw għall-ispeċifikazzjoni tal-inċertezza tal-metodu ta' ttestjar.

Nota 10: L-inċertezza tal-kejl għandha tiġi stmata fil-livell ta' 1.0 NTU (unitajiet ta' turbidità nefelometrika), skont l-EN ISO 7027 jew metodu standard ekwivalenti ieħor.

3. Għadd ta' PFAS

Is-sustanzi rilevanti li ġejjin għandhom jiġu analizzati abbażi tal-linji gwida tekniċi żviluppati f'konformità mal-Artikolu 13(7):

- Aċidu perfluorobutanojku (PFBA)
- Aċidu perfluoropentanojku (PFPA)
- Aċidu perfluoroeżanojku (PFHxA)
- Aċidu perfluoroeptanojku (PFHpA)
- Aċidu perfluorooottanojku (PFOA)
- Aċidu perfluorononanojku (PFNA)
- Aċidu perfluorodekanojku (PFDA)
- Aċidu perfluoroundekanojku (PFUnDA)
- Aċidu perfluorododekanojku (PFDoDA)

- Aċidu perfluworotridekanojku(PFTrDA)
- Aċidu perfluworobutan sulfoniku (PFBS)
- Aċidu perfluworopentan sulfoniku (PFPS)
- Aċidu perfluworoeżan sulfoniku (PFHxS)
- Aċidu perfluworoeptan sulfoniku (PFHpS)
- Aċidu perfluworoottan sulfoniku (PFOS)
- Aċidu perfluworononan sulfoniku (PFNS)
- Aċidu perfluworodekan sulfoniku (PFDS)
- Aċidu perfluworoundekan sulfoniku
- Aċidu perfluworododekan sulfoniku
- Aċidu perfluworotrideka nsulfoniku

Dawk is-sustanzi għandhom jiġu mmonitorjati meta l-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju taż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni li jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 8 jikkonkludu li huwa probabbli li dawk is-sustanzi jkunu preżenti fi provvista determinata tal-ilma.

ANNEX IV

INFORMAZZJONI LILL-PUBBLIKU

L-informazzjoni fil-punti li ġejjin għandha tkun aċċessibbli online għall-konsumaturi, b'mod personalizzat u faċli għall-utent, u l-konsumaturi jistgħu jiksibu aċċess għal dik l-informazzjoni b'mezzi oħra fuq talba ġustifikata:

- (1) identifikazzjoni tal-fornitur tal-ilma rilevanti, iż-żona u n-numru ta' persuni fornuti, u l-metodu ta' produzzjoni tal-ilma, inkluż informazzjoni ġenerali dwar it-tipi ta' trattament u diżinfettazzjoni tal-ilma applikati; l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn dan ir-rekwiżit f'konformità mal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2007/2/KE;
- (2) l-aktar riżultati reċenti tal-monitoraġġ għall-parametri elenkati fil-Parti A, B u C tal-Anness I, inkluż il-monitoraġġ tal-frekwenza, flimkien mal-valur parametrik stabbilit skont l-Artikolu 5; ir-riżultati tal-monitoraġġ ma għandhomx ikollhom iktar minn sena, ħlief fejn il-frekwenza tal-monitoraġġ stabbilita minn din id-Direttiva tippermetti xort'oħra;
- (3) informazzjoni dwar il-parametri li ġejjin li mhumiex elenkati fil-Parti C tal-Anness I u l-valuri assoċjati:
 - (a) ebusija;

- (b) minerali, anjoni/katjoni dissolti fl-ilma:
- kalċju Ca;
 - manjeżju Mg;
 - potassju K;
- (4) f'każ ta' periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem skont kif ikun determinat mill-awtoritajiet kompetenti jew korpi rilevanti oħrajn wara li jinqabżu l-valuri parametriċi stabbiliti skont l-Artikolu 5, informazzjoni dwar il-periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u l-pariri assoċjati dwar is-saħħa u relatati mal-konsum, jew iperlink li jipprovdi aċċess għal tali informazzjoni;
- (5) informazzjoni rilevanti dwar il-valutazzjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista;
- (6) pariri lill-konsumaturi, inkluż dwar kif jistgħu jnaqqsu l-konsum tal-ilma meta jkun xieraq, kif jużaw l-ilma b'mod responsabbli skont il-kundizzjonijiet lokali u kif jevitaw riskji għas-saħħa minħabba ilma qiegħed;
- (7) għal fornituri tal-ilma li jfornu mill-inqas 10 000 m³ kuljum jew li jservu mill-inqas 50 000 persuna, informazzjoni annwali dwar:
- (a) il-prestazzjoni ġenerali tas-sistema tal-ilma f'termini ta' effiċjenza, u rati ta' tnixxija, ladarba dik l-informazzjoni tkun disponibbli u mhux aktar tard mid-data stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3);

- (b) l-istruttura ta' sjieda tal-provvista tal-ilma mill-fornitur tal-ilma
 - (c) fejn l-ispejjeż jiġu rkuprati permezz ta' sistema tariffarja, informazzjoni dwar l-istruttura tat-tariffa għal kull metru kubu ta' ilma, inkluż l-ispejjeż fissi u dawk varjabbli u l-ispejjeż relatati ma' miżuri għall-finijiet tal-Artikolu 16, fejn dawn il-miżuri jkunu ttieħdu mill-fornituri tal-ilma;
 - (d) fejn ikunu disponibbli, sommarju u statistika dwar l-ilmenti tal-konsumaturi li jkunu rċevew il-fornituri tal-ilma dwar kwistjonijiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva;
- (8) fuq talba ġustifikata, il-konsumaturi għandhom jingħataw aċċess għal data storika b'rabta mal-informazzjoni msemmija fil-punti (2) u (3), li tmur lura għal perijodu sa għaxar snin, jekk tkun disponibbli, u mhux iktar kmieni minn ... [id-data tal-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva].
-

ANNEX V

PRINĊIPJI GĦALL-ISTABILIMENT TA' METODOLOĠIJI KOMUNI MSEMMIJA fl-ARTIKOLU 11

Gruppi ta' materjali

1. Materjal organiku

Il-materjali organiċi għandhom ikunu magħmulin biss minn:

- (a) is-sustanzi inizjali elenkati fil-lista pożittiva Ewropea ta' sustanzi inizjali li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(2); u
- (b) sustanzi li fir-rigward tagħhom ma jista' jkun hemm l-ebda possibbiltà li s-sustanza u l-prodotti ta' reazzjoni tagħha jkunu preżenti f'livelli li jaqbżu 0,1 µg/l fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, sakemm għal sustanzi speċifiċi ma jkunx meħtieġ valur aktar strett b'kont meħud tat-tossiċità tagħhom.

Il-materjali organiċi għandhom jiġu ttestjati skont it-Tabella 1 f'konformità mal-metodi għall-ittestjar speċifikati fl-istandards Ewropej rilevanti jew, fin-nuqqas ta' dawn, metodu rikonoxxut fil-livell internazzjonali jew nazzjonali u għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati hemmhekk. Għal dan l-għan, ir-riżultati tat-testijiet f'termini ta' migrazzjoni tas-sustanzi għandhom jiġu kkonvertiti f'livelli stmati fil-vit.

2. Materjal metalliku

Għandhom jintużaw biss il-materjali metalliċi inklużi fil-lista pożittiva Ewropea ta' kompożizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(2). Għandha tinżamm konformità mal-limitazzjonijiet stipulati fil-lista pożittiva Ewropea fir-rigward tal-kompożizzjoni ta' dawn il-materjali, l-użu tagħhom għal ċerti prodotti u l-użu ta' dawn il-prodotti.

Il-materjali metalliċi għandhom jiġu ttestjati skont it-Tabella 1 f'konformità mal-metodi għall-ittestjar speċifikati fl-istandards Ewropej rilevanti jew, fin-nuqqas ta' dawn, metodu rikonoxxut fil-livell internazzjonali jew nazzjonali u għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati hemmhekk.

3. Materjal tas-siment

Materjali tas-siment għandhom ikunu magħmulin biss minn wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

- (a) il-kostitwenti organiċi elenkati fil-lista pożittiva Ewropea ta' kostitwenti li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(2);

- (b) kostitwenti organiċi li fir-rigward tagħhom m'hemm l-ebda possibbiltà li l-kositwenti u l-prodotti ta' reazzjoni tagħhom huma preżenti f'livelli li jaqbżu 0,1 µg/l fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem; jew
- (c) kostitwenti mhux organiċi.

Il-materjali marbuta mas-siment għandhom jiġu ttestjati skont it-Tabella 1 f'konformità mal-metodi għall-ittestjar speċifikati fl-istandards Ewropej rilevanti jew, fin-nuqqas ta' dawn, metodu rikonoxxut fuq livell internazzjonali jew nazzjonali u għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati hemmhekk. Għal dan l-għan, ir-riżultati tat-testijiet f'termini ta' migrazzjoni tas-sustanzi għandhom jiġu kkonvertiti f'livelli stmati fil-vit.

4. Enamel u materjal taċ-ċeramika

L-enamel u l-materjali taċ-ċeramika għandhom ikunu magħmula biss minn sustanzi inizjali mill-lista pożittiva Ewropea ta' kompożizzjonijiet li jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(2), wara li titwettaq valutazzjoni tal-elementi użati fil-kompożizzjoni ta' dawn il-materjali.

L-enamel u l-materjali taċ-ċeramika għandhom jiġu ttestjati skont it-Tabella 1 f'konformità mal-metodi għall-ittestjar speċifikati fl-istandards Ewropej rilevanti jew, fin-nuqqas ta' dawn, metodu rikonoxxut fil-livell internazzjonali jew nazzjonali u għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati hemmhekk. Għal dan l-għan, ir-riżultati tat-testijiet f'termini ta' migrazzjoni tas-sustanzi għandhom jiġu kkonvertiti f'livelli stmati fil-vit.

5. Eċċezzjonijiet għall-valutazzjoni tal-materjal li jintuża f'komponenti minuri u komponenti mmuntati

Għal prodotti mmuntati: komponenti, partijiet u materjali minuri għandhom jiġu deskritti fid-dettall u l-ittestjar għandu jitnaqqas skont dan. Għal dan l-iskop, "minuri" tirreferi għal livell ta' influwenza fuq il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li ma jeħtieġx l-ittestjar kollu.

Tabella 1. Ittestjar marbut ma' tipi ta' materjal

Kriterji	Organiku (Ara n-Nota 1)	Metalliku (Ara n-Nota 2)	Tas-siment	Enamel u materjal taċ-ċeramika
Listi pożittivi Ewropej				
Lista pożittiva Ewropea ta' sustanzi iniżjali għal materjal organiku	X	M.M.	X	M.M.
Lista pożittiva Ewropea ta' kompożizzjonijiet metalliċi aċċettati	M.M.	X	M.M.	M.M.
Lista pożittiva Ewropea ta' kostitwenti għal materjali tas-siment	M.M.	M.M.	X	M.M.
Lista pożittiva Ewropea ta' kompożizzjonijiet għal enamel u materjali taċ-ċeramika	M.M.	M.M.	M.M.	X
Testijiet organolettiċi				

Kriterji	Organiku (Ara n-Nota 1)	Metalliku (Ara n-Nota 2)	Tas-siment	Enamel u materjal taċ-ċeramika
Riħa u toġħma	X	M.M.	X	M.M.
Kulur u Turbidità	X	M.M.	X	M.M.
Valutazzjonijiet ġenerali ta' iġjene				
Tnixxija tal-karbonju organiku totali	X	M.M.	X	M.M.
Residwi fil-wiċċ (metalli)	M.M.	X	M.M.	M.M.
Ittestjar tal-migrazzjoni				
Parametri rilevanti ta' din id-Direttiva	X	X	X	X
MTC _{tap} tas-sustanzi PL	X	M.M.	X (ara n-Nota 3)	M.M.
Sustanzi mhux mistennija (GCMS)	X	M.M.	X (ara n-Nota 3)	M.M.
Konformità mal-listi ta' kompożizzjoni	M.M.	X	M.M.	X
Żieda fit-tkabbir mikrobjali	X	M.M.	X (Ara n-Nota 3)	M.M.

- M.M.: Mhux meħtieġ
- MTC_{tap}: Konċentrazzjoni tollerabbli massima fil-vit (derivata jew mill-opinjoni tal-ECHA għall-finijiet ta' inklużjoni tas-sustanza fil-lista pożittiva Ewropea, jew ibbażata fuq limitu ta' migrazzjoni speċifika stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011¹ u b'kunsiderazzjoni ta' fattur ta' allokazżjoni ta' 10 % u konsum ta' ilma ta' żewġ litri kuljum)
- GCMS: Kromatografija tal-Gass - Spettrometrija tal-Massa (metodu ta' skrinjar)
- Nota 1: Għandhom jiġu determinati eċċezzjonijiet speċifiċi skont il-punt 5 ta' dan l-Anness.
- Nota 2: Il-metalli ma għandhomx ikunu soġġetti għal ittestjar organolettiku peress li hu ġeneralment aċċettat li jekk jiġu ssodisfati l-valuri parametriċi stabbiliti fl-Anness I, mhux probabbli li jkun hemm problemi organolettiċi.
- Nota 3: Skont l-eżistenza ta' sustanzi organiċi fil-kompożizzjoni.
-

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011 tal-14 ta' Jannar 2011 dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel (ĠU L 12, 15.1.2011, p. 1).

ANNEX VI

Parti A

**Id-Direttiva mħassra
flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tagħha
(imsemmija fl-Artikolu 26)**

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32)	
Ir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1)	Il-punt 29 biss tal-Anness II
Ir-Regolament (KE) Nru 596/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 14)	Il-punt 2.2 biss tal-Anness
Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/1787 (ĠU L 260, 7.10.2015, p. 6)	

Parti B

**Il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali
(imsemmija fl-Artikolu 26)**

Id-Direttiva	Il-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni
98/83/KE	Il-25 ta' Diċembru 2000
(UE) 2015/1787	Is-27 ta' Ottubru 2017

ANNEX VII

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Id-Direttiva 98/83/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2, punt (1)	Artikolu 2, punt (1)
Artikolu 2, punt (2)	Artikolu 2, punt (2)
–	Artikolu 2, punti (3) sa (11)
Artikolu 3(1)	Artikolu 3(1)
–	Artikolu 3(2)
Artikolu 3(2)	Artikolu 3(3)
Artikolu 3(3)	Artikolu 3(4)
–	Artikolu 3(5) u (6)
Artikolu 4(1) u (2)	Artikolu 4(1) u (2)
–	Artikolu 4(3)
Artikolu 5	Artikolu 5
Artikolu 6	Artikolu 6
–	Artikolu 7
–	Artikolu 8
–	Artikolu 9
–	Artikolu 10
–	Artikolu 11
–	Artikolu 12

Id-Direttiva 98/83/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 7(1)	Artikolu 13(1)
Artikolu 7(2)	Artikolu 13(2), kliem introduttiv
–	Artikolu 13(2), punti (a) sa (e)
Artikolu 7(3)	Artikolu 13(3)
Artikolu 7(4)	–
Artikolu 7(5) u (6)	Artikolu 13(4) u (5)
–	Artikolu 13(6) sa (8)
Artikolu 8(1)	Artikolu 14(1)
Artikolu 8(2)	Artikolu 14(2), l-ewwel subparagrafu
–	Artikolu 14(2), it-tieni subparagrafu
Artikolu 8(3)	Artikolu 14(3), l-ewwel subparagrafu
–	Artikolu 14(3), it-tieni subparagrafu
Artikolu 8(4)	Artikolu 14(5)
Artikolu 8(5)	–
Artikolu 8(6)	Artikolu 14(6)
Artikolu 8(7)	Artikolu 14(4), kliem introduttiv, punt (a)
–	Artikolu 14(4), punti (b) u (c)
Artikolu 9(1), l-ewwel sentenza	Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, kliem introduttiv
–	Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, punti (a) sa (c)

Id-Direttiva 98/83/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 9(1), it-tieni sentenza	Artikolu 15(1), it-tieni subparagraph
Artikolu 9(1), it-tielet sentenza	Artikolu 15(1), it-tielet subparagraphu
Artikolu 9(2)	–
Artikolu 9(3) sa (6)	Artikolu 15(2) sa (5)
Artikolu 9(7)	Artikolu 18(1), punt (e)
Artikolu 9(8)	Artikolu 15(6)
–	Artikolu 16
Artikolu 10	–
Artikolu 11	Artikolu 20
Artikolu 12	Artikolu 22
Artikolu 13(1)	Artikolu 17(1)
–	Artikolu 17(2) u (3)
Artikolu 13(2) sa (6)	–
–	Artikolu 18(1), l-ewwel subparagraphu, punti (a) sa (d)
–	Artikolu 18(1), it-tieni subparagraphu
–	Artikolu 18(2) sa (5)
–	Artikolu 19
–	Artikolu 21
–	Artikolu 23
–	Artikolu 25
Artikolu 14	–

Id-Direttiva 98/83/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 15	–
Artikolu 16	Artikolu 26
Artikolu 17	Artikolu 24
Artikolu 18	Artikolu 27
Artikolu 19	Artikolu 28
Anness I, Parti A	Anness I, Parti A
Anness I, Parti B	Anness I, Parti B
Anness I, Parti C	Anness I, Parti C
–	Anness I, Parti D
Anness II, Parti A, punti (1) u (2)	Anness II, Parti A, punti (1) u (2)
Anness II, Parti A, punt (3)	–
–	Anness II, Parti A, punt (3)
Anness II, Parti A, punt (4)	Anness II, Parti A, punt (4)
Anness II, Parti B, punt (1)	–
Anness II, Parti B, punt (2)	Anness II, Parti B, punt (1)
Anness II, Parti B, punt (3)	Anness II, Parti B, punt (2)
Anness II, Parti C	Anness II, Parti C
Anness II, Parti D, punti (1) u (2)	Anness II, Parti D, punti (1) u (2)
–	Anness II, Parti D, punt (3)
Anness II, Parti D, punt (3)	Anness II, Parti D, punt (4)

Id-Direttiva 98/83/KE	Din id-Direttiva
Anness III, l-ewwel subparagrafu	Anness III, l-ewwel subparagrafu
–	Anness III, it-tieni subparagrafu
Anness III, it-tieni subparagrafu	Anness III, it-tielet subparagrafu
Anness III, Parti A, l-ewwel u t-tieni subparagrafu	–
Anness III, Parti A, it-tielet subparagrafu, punti (a) sa (f)	Anness III, Parti A
Anness III, Parti B, punt (1), l-ewwel subparagrafu	Anness III, Parti B, punt (1), l-ewwel subparagrafu
Anness III, Parti B, punt (1), it-tieni subparagrafu	–
Anness III, Parti B, punt (1), it-tielet subparagrafu u Tabella 1	Anness III, Parti B, punt (1), it-tieni subparagrafu u Tabella 1
Anness III, Parti B, punt (1), Tabella 2	–
Anness III, Parti B, punt (2)	Anness III, Parti B, punt (2)
–	Anness III, Parti B, punt (3)
Anness IV	–
Anness V	Anness VII
–	Anness IV
–	Anness V
–	Anness VI